

# Il-Mostin tal-1932

Minn Nicholas GRECH

Fl-1932, il-knisja kienet ilha lesta 72 sena. Għalhekk ftit għexieren minn dawk li laħquha għadha tinbena taf kienu għadhom ħajjin u mimlija bl-għomor. Persentaġġ akbar laħqu l-wasla tal-orgni fl-1885, il-knisja tiġi mgħollija għat-titlu ta' Arċipretali b'digriet minn Ruma datat 10 ta' Lulju 1888, il-bini tal-lanterna fl-1889, il-pittura tal-lunetti minn G. Calì fl-1902, il-ventartal tal-fidda tal-artal maġġur fl-1905 (li propjament kien sar għall-artal maġġur tal-knisja kolleġġjata ta' Bormla[1]), il-pavimentar tal-knisja bl-irħam bejn l-1909 u l-1911, il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li fil-maġġor parti tiegħu sar fil-Mosta fl-1913, l-indurar tal-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju fl-1923 (li sfortunatament fil-proċess kien tneħħielha parti mill-velu mtajjar li kien joħroġ minn wara rasha[2]), il-monument ta' Kristu Mejjet tal-Ġimgħa l-Kbira mħallas mill-benefattur Carmelo Dimech li sar fl-1924, il-bini taz-zuntier tal-knisja fil-verżjoni li nafuh illum fl-1928, aktar fil-qrib il-bidu tal-iskultura u l-induratura tal-koppla, imħallsa wkoll mill-istess benefattur imsemmi, li nbeda fil-15 ta' Marzu 1930, u l-pulptu ġdid li sar flok ieħor eqdem fl-1932[3].

Bħala proġetti madwar ir-raħal kien hemm il-bini tal-Fortizza tal-Mosta fl-1883 (li sfortunatament fil-proċess qerdu ħajt megalitiku li kien hemm f'Misraħ Għonoq), il-bini tal-batterija tat-Targa fl-1888, il-Victoria Lines fl-1897 li jaqsmu nofs Malta (li wkoll fil-proċess sarrfu fit-telfien ta' Torri Falka u l-fortifikazzjonijiet li kienu jafu lill-kavallieri aħna u sejrin l-Imġarr) bil-lapida li tfakkar il-bini tagħhom ġiet impoġġija propju fil-Mosta f'Targa Gap, il-pont tal-ħadid li kien jaqsam Wied il-Għasel ukoll fl-1897, it-tisħiħ tal-arkata li kien hemm f'Wied Speranza fl-1905 taħt is-superviżjoni fosthom tal-perit Mosti Gio. Maria Camilleri, u l-ftuħ ta' Triq il-Kostituzzjoni li x-xogħol fuqha beda lejn l-1929 flimkien mal-bini tal-pont tagħha, fi żmien Strickland (kien tela' fil-Gvern fl-1927 bi 15-il membru mill-partit tiegħu flimkien ma' 3 membri mill-Partit Laburista permezz ta' ftehim li kien hemm bejniethom imsejjaħ




*Il-ħajt b'ġebel kbir fuq tul ta' madwar 13-il metru (qisu terz tal-faċċata tal-knisja) li kien hemm f'Misraħ Għonoq (lejn il-fortizza) li kien pinġa u kejjel Grognet fl-1840 skont l-annu li hemm fuq dan id-disinn. Skont l-iskala li hemm taħt, il-quċċata tal-ħajt li tidher fuq ix-xellug tiġi li kienet għolja 3 metri jew sular.*

il-*Compact*), hekk li t-triq issemmiet għall-partit li kien imexxi. Fl-istess żmien lejn l-1930, il-kittieb Mosti E.B. Vella kien għadu kif ħareġ il-ktieb 'Storja tal-Mosta bil-Knisja tagħha'.

Il-fortifikazzjonijiet ta' żmien il-kavallieri li kien hemm aħna u sejrin l-Imġarr, fejn anki kien hemm



*Il-fortifikazzjonijiet ta' żmien il-Kavallieri li kien hemm aħna u sejrin l-Imġarr fejn anki kien hemm torri magħruf bħala Torri Falca ferm eqdem minnhom li kien diġà jeżisti fis-seklu 16, fi żmien tal-Assedju, u hu indikat bi vleġġa fil-mappa. Minn din il-mappa tal-1900: Sheet 48, jidher li kienu għadhom jeżistu 3 snin wara li lestew il-Victoria Lines, iżda x'aktarx ma damux ma ħattew kollox sa lanqas laqxa. It-triq li hemm taħt sejra lejn ix-xellug u mbagħad titla' 'l fuq hi l-istess triq li llum taqbad int u sejjer lejn l-Imġarr biex titla' għall-għolja tad-Dwejra.*



CamScanner

torri magħruf bħala Torri Falca ferm eqdem minnhom li kien diġà jeżisti fis-seklu XVI, fi żmien tal-Assedju, u hu indikat bi vleġġa fil-mappa. Minn din il-mappa tal-1900: Sheet 48 jidher li kienu għadhom jeżistu 3 snin wara li lestew il-*Victoria Lines*, izda x'aktarx ma damux ma ħattew kollox sa lanqas laqxa. It-triq li hemm taħt sejra lejn ix-xellug u mbagħad titla' 'l fuq hi l-istess triq li llum taqbad int u sejjer lejn l-Imġarr biex titla' għall-għolja tad-Dwejra.

Is-sitwazzjoni f'Malta inġenerali kienet tjiebet xi ftit ukoll. Ix-xogħlijiet li saru fil-Mosta mill-awtoritajiet, fosthom dawk li semmejna bħall-bini tal-fortizza u l-*Victoria Lines*, żgur li kien ta' introjtu għal diversi Mostin li sabu xogħol fuq dawn il-proġetti u forsi aktar tard xi wħud ġew ingaġġjati bħala għassiesa jew suldati tal-post. Iżda l-ewwel gwerra dinjija effettwat fost l-oħrajn is-settur agrikolu hekk li darba ntemmet fl-1918 kien hawn skarsezza tal-ikel u wasslet fl-għoli tal-prezzijiet. Għalkemm il-Mostin li fil-maġġor parti kienu bdiewa taf ibbenefikaw mill-bejgħ ta' prodotti agrikoli bi prezz għola (fil-fatt b'aktar flus fl-idejn il-bdiewa, in-nies tal-Bidnija ħatfu l-opportunità biex bdew jibnu l-knisja fl-1920), oħrajn madwar Malta bħall-ħaddiema tat-tarzna bdew jaraw li l-paga tagħhom ma kinitx qegħda sservihom biex jgħixu familja.




*Parti mill-pittura li hemm fil-Palazz il-Belt, ta' Matteo Perez d'Aleccio ta' ċirka l-1577 intitolata 'La Venuta dell'Armata Turchesca a di 18 Maggio 1565' timmarka r-raħal tal-Mosta (La Mosta – konna għadna ma nfridniex mill-Matriċi u mhux imniżżel bl-ittra C quddiem għal Casal bħal kif inhu mniżżel fosthom C. Gregor jew Hal Gharghur), il-kappella ta' San Pawl l-Eremita (SP P. Remito – tiġi San Paolo Primo Eremita) u t-Torri Falka (Torre De Falcha).*

Kien hemm l-għajdut li l-importaturi tal-qamħ kienu qed jagħmlu qliegħ kbir waqt li l-popolin kien qed imut bil-ġuħ tort tal-inflazzjoni esaġerata. Kienet in-niċċa biex il-poplu irvilla u fil-protesti fil-Belt tas-Sibt, 7 ta' Gunju 1919, spiċċaw inqatlu 4 min-nies u madwar 50 oħra ġew feruti. Ġiet imwaqqfa Qorti Militari biex tinvestiga l-inċidenti li kienu wrew aktar minn qatt qabel il-ħtieġa urġenti ta' riforma li kien hemm bżonn issir, hekk li l-Gvernatur il-ġdid, Lord Plumer, kien issuġġerixxa li jingħataw aktar konċessjonijiet liberali lill-Maltin. Il-Gvern Ingliż min-naħa tiegħu kien enfasizza li Malta jkollha kontrol biss fuq affarijiet purament lokali, u fit-30 t'April 1921, ingħatat il-kostituzzjoni msejjħa Amery-Milner, bl-ewwel elezzjonijiet isiru f'Ottubru tal-1921. B'din il-kostituzzjoni Malta bdiet titmexxa minn żewġ awtoritajiet: 1) mill-Gvern Imperjali fuq affarijiet ta' riserva bħad-difiża, militar, tarznari, portijiet, ajruporti, ċensura, eċċ.; u 2) mill-Gvern Malti fuq affarijiet interni, kompost mis-Senat u mill-Assemblea Leġislattiva, bis-Senat magħmul minn 10 membri nominati li jirrappreżentaw ċerti entitajiet (2 għal kull entità: dawk tal-Kleru nominati mill-Arċisqof, dawk tan-Nobbiltà, tal-Gradwati, tal-Kamra tal-Kummerċ u tat-*Trade Unions*), u 7 oħra li jiġu eletti minn sezzjoni tal-elettorat, waqt li l-Assemblea Leġislattiva kienet komposta minn 32 membru eletti mill-elettorat.

Il-jedd biex wieħed jivvota kien baqa' bejn wieħed u ieħor dak li kien dikjarat fl-ittri tat-2 ta' Marzu 1883, fejn kienet twarrbet il-klawsola jekk intix illitterat jew le, iżda żammew il-klawsola tal-propjetà fejn l-irġiel kollha ta' 21 sena jew aktar, li kienu jħallsu jew jirċievu renta ta' aktar minn £5 fis-sena minn propjetà immobbli (pereżempju raba jew bini) kellhom id-dritt li jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva, waqt li persentaġġ ferm anqas b'renta dħul jew ħruġ ta' £20 kellhom dritt li jivvutaw għas-Senat[4]. Snin wara saru xi emendi oħra fejn dan id-dħul seta' anki jkun ġej minn tal-mara, u aktar emendi, wasslu biex minn elettorat ta' 27,104 fl-1921, żdied għal 52,610 fl-1932. Għall-elezzjoni tas-Senat, Malta kienet maqsuma f'żewġ distretti waqt li għall-Assemblea Leġislattiva fi tmienja, b'kull distrett jeleġġi 4 membri ta' din l-Assemblea. Peress li kien jeżisti l-vot plurali tiġi li wieħed seta' jivvota sa massimu għaxar darbiet jekk kellu propjetà fid-distretti kollha! Dan it-tip ta' vot kien tneħħa fl-1940. Fl-1945 għamluha li setgħu jivvutaw l-irġiel kollha, fl-1947 ivvutaw għall-ewwel darba n-nisa meta bihom l-elettorat kien żdied għal 140,703, u fl-1976 ivvutaw dawk kollha 'l fuq minn 18-il sena bl-elettorat jiżdied għal 217,724[5].

## Elezzjoni fl-1932

Biex inkomplu mas-sena 1932, kienet sena li fiha saret elezzjoni fejn minn popolazzjoni ta' 248,062 ruħ, 52,610 raġel (jew 21.21%) kienu eliġibbli li jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva, u 48,658 minnhom (jew 92.49%) fil-fatt marru jivvutaw. Il-Mosta kienet tagħmel parti mis-6 distrett (Birchircara, Balzan, Lia, Attard, Gargur, Naxxar, Musta, Mġiar, St Paul's Bay, Mellieħa), f'liema distrett l-elettorat kien ta' 6,739,



CamScanner

li minnhom 1,149 (17.05%) kienu mill-Mosta b'24 ma tqassmilhomx il-vot jew baqgħu ma ġabruħx. L-elettorat seta' jivvota nhar is-Sibt, 11 ta' Ġunju, filgħodu mit-8 sa nofsinhar u mill-4 sad 9 ta' filgħaxija, il-Ħadd, 12 ta' Ġunju l-istess, imma l-ħin kien estiż sal-10 ta' filgħaxija, u t-Tnejn, 13 ta' Ġunju filgħodu mit-8 sa nofsinhar. Il-postijiet tal-votazzjoni fil-Mosta kienu fl-Għassa l-qadima tal-Pulizija, li kienet tinsab fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, u fi Triq it-Torri, Numru 8, fejn kien hemm 6 u 3 Assistenti Kummissjonarji Elettorali f'kull post rispettivament (altru li kien hemm ħtieġa tagħhom meta tqis li aktar min-nofs il-Mostin kienu mniżżla bħala illitterati)[6].

Fuq dan is-sitt distrett kienu ħarġu 12-il kandidat - 6 f'isem il-Partit Nazzjonalista mmexxi minn Ugo Mifsud, 4 f'isem il-Partit Kostituzzjonali mmexxi minn Lord Strickland, u 2 f'isem il-Partit Laburista (jew Partit tal-Ħaddiema) mmexxi minn Pawlu Boffa. Politiċi bħal Borg Olivier u Mintoff kienu għadhom ma daħlux fix-xena politika. Il-voti validi f'dan id-distrett kienu 6,153 (jew 91.3%) fejn il-partiti ġabu 3,612 vot (58.7%), 2,384 vot (37.39%) u 157 vot (3.9%) rispettivament, bil-kandidati eletti jkunu 2 f'isem il-Partit Nazzjonalista - l-Avukat Tommaso Fenech u t-Tabib Rosario Mizzi, u 2 f'isem il-Partit Kostituzzjonali - l-Avukat John Bugeja u Walter Salomone. Minn dawn l-erba', Rosario Mizzi nsibuh joqgħod il-Mosta propju f'Via Congresso Eucaristico, nru 112 (kien propja mill-Belt li meta laħaq tabib lejn l-1907 kien ġie joqgħod il-Mosta[7]) u Walter Salomone kien twieled il-Mosta fid-19 t'Ottubru 1888[8] (probabbli kien jiġi xi ħaġa minn Dun Edgar Salomone li twieled fl-1 ta' Diċembru 1882, taf ħuh) u propju b'dan il-kunjom kien hemm reġistrat ċertu wieħed Paul, li kien joqgħod f'Via Congresso Eucaristico, nru 111. Nistgħu ngħidu għalhekk li għalkemm il-persentaġġ ta' dawk li vvutaw kien għoli madwar Malta kollha, il-Mostin ta' dak iż-żmien kellhom raġuni akbar biex jagħmlu dan għax propju tnejn mill-kandidati kellhom rabta ma' raħalhom.

Jekk kif semmejna fl-1932 minn popolazzjoni ta' 248,062 ruħ, 52,610 raġel minn Malta kollha setgħu jivvutaw, l-1,149 Mosti li setgħu jagħmlu dan kien jikkorrispondi għall-popolazzjoni fir-raħal ta' madwar 5,418 ruħ, jew persentaġġ ta' madwar 2.18% ta' Malta kollha (b'kuntrast għall-aħħar elezzjoni tal-Kunsilli Lokali tal-2019 il-Mosta b'18,874 votant kienet tagħmel 4.35% ta' Malta kollha). Dawn il-Mostin kienu tista' tgħid għadhom pjuttost omoġenji, bi ftit taħlit minn irħula oħra u fil-maġġor parti dixxendenti ta' dawk li b'tant sagrifiċċji bnew knisja hekk kolossali f'raħal pjuttost żgħir u fqajjar.

Ir-raħal kien għadu mimli kampanja bil-meravilja tan-natura ta' wied jaqsam ir-raħal minn tarf s'ieħor u donnu hekk sagru li fih twaqqfu matul iż-żminijiet tliet kappelli, bil-Mosti u sa ċertu punt in-Naxxari wkoll, kburija bil-parti tal-Wied imsejjħa Wied Filep, li jingħad li l-blat tiegħu kien hekk sabiħ jagħti f'lewn ikħal, illum meqrud darba għal dejjem flimkien mat-taraġ li kien hemm bl-iżvilupp tal-barriera li hemm fl-inħawi.

Dawk iż-żminijiet l-ilmijiet fil-wied kienu jibqgħu jgelglu sa kważi Ġunju u mhux l-ewwel darba li għereq l-għar tal-kappella tal-Isperanza! B'kuntrast illum l-ilmijiet jogħsfru wara ftit jiem li tkun għamlet xi ħalba xita, waħda minħabba li l-għelieqi tal-madwar li minnhom kien jissaffa l-ilma tax-xita għall-wied illum spiċċaw inbnew, u l-oħra tort tal-*pumping station* li nbniet lejn il-ħamsinijiet, fejn il-kappella tal-Isperanza, li ttella' l-ilma mill-pjan.

Il-knisja minkejja li mibnija fl-iktar parti baxxa, kienet tiddomina r-raħal u ġġib fix-xejn il-binjiet modesti li kien hemm fil-qrib, kuntrarju għal-lum fejn tkun toqgħod ftit lil hinn mill-kappella għandek xorti jirnexxilek tara l-parti ta' fuq tal-lanterna!




*Mappa tal-1900: Sheet 40, li turi t-triq t'Alla u Ommu fuq il-lemin fil-parti ta' fuq, u fejn kien xi darba 'Uied Filippi' fuq ix-xellug fil-parti t'isfel.*




*Skrizzjoni li hemm mal-ħajt fil-kamra li tiġi taħt is-sagristija tal-kappella tal-Isperanza, timmarka sa fejn telgħa l-livell tal-ilma ('Grande Acqua') fil-ġurnata tas-26 t'Ottubru 1830, meta kien għereq kważi l-għar kollu tal-istess kappella. Bil-ħsara rreparabbli li saret lill-wied qisu mis-sittinijiet 'l hawn, illum din hi xi ħaġa inimmaġinabbli u kważi lanqas titwemmen.*



CamScanner




*Mappa tal-Mosta tal-1907 li turi t-toroq tal-Mosta bl-isem antik u fiha mmarkati 4 mill-5 imtieħen tar-riħ li kien hawn fil-Mosta f'dawk iż-żminijiet.*

### Ir-raħal ikompli jikber u numru ta' toroq jinbidlulhom isimhom

Mir-reġistru elettorali ta' dawk eliġibbli li jivvutaw fl-1932, nistgħu noħorġu minjiera ta' informazzjoni. Ir-raħal kien beda jikber u dawk li kienu xi darba sqaqien inabitabbli qalb l-għelieqi bdew bil-mod il-mod jinbnew u jimtlew bil-ħajja. Jidher li f'dan iż-żmien il-Mosta għaddiet minn fażi fejn diversi minn dawn is-sqaqien/toroq inbidlilhom isimhom.

Hekk insibu li dak li sal-bidu tas-seklu kien Skak Witet (Witet, jew dak li llum insibuh bħala l-ħelikopter, bl-Ingliż *dragonfly*, jew bħal kunjarda, biċċa injama li kienu jdaħħlu nofsha fil-ħajt biex magħha jdendlu l-affarijiet[9]) issemmiet Oratory Street għall-Oratorju Qalb ta' Ġesù, li nfetaħ għall-ħabta tal-1935 fl-inħawi;

Strada Għarnuk (speci t'għasfur, bl-Ingliż *common crane*) issemmiet Salvatore Dimech Street għall-iskultur Mosti li jingħad li kellu r-remissa fit-tarf tagħha u li fiha fl-1868 kien ħadem l-istatwa oriġinali li kellna ta' Santa Marija (illum parti sostanzjali ta' dik li kienet Strada Għarnuk intilfet meta kien twaqqa' l-bini ta' maġenb il-knisja lejn is-sittinijiet biex sar parking tal-karozzi u berġa tal-gvern u aktar qabel kienu għaddew Triq il-Kostituzzjoni minn nofsha);

Strada Crispo issemmiet Triq Dun Mikiel Xerri; Strada Biċċerin issemmiet Bridge Street, li kienet tibqa' ddur għal dik li llum jisimha Triq Carmelo Dimech u l-parti li baqa' tat-triq li tmiss ma' Triq il-Kbira li bħal donnha rreżistiet il-bidla u baqgħet bl-isem oriġinali tagħha Triq il-Biċċerin sal-lum;

Strada Chiesa ssemmiet Curate Calleja Street għall-kappillan fundatur tar-Rotunda;

Strada Ponente issemmiet Curate Bezzina Street għall-ewwel kappillan tal-parroċċa tal-Mosta;

Strada Keima (jekk nieħdu li fil-bidu fil-Malti l-ittra 'Q' kienet tinkiteb 'K', taf minflok kienet Qeima, forsi l-verżjoni bl-imgħawweġ tal-kelma 'Qima' li xorta ma tantx tagħmel sens – x'seta' kien hemm xi tqim f'din it-triq?) issemmiet Tommaso Dingli Street għall-perit tal-knisja l-qadima;

u t-triq ta' quddiem il-knisja li nfetħet meta l-bini tal-knisja kien wasal fl-aħħar tiegħu lejn l-1853 u l-1854, minn Via Nuova Valletta ssemmiet Via Congresso Eucaristico biex tfakkar dan l-avveniment li kien sar fil-Mosta, għalkemm ħafna mix-xjuħ Mostin (u anki dawk taċ-ċentru llum) baqgħu jirreferu għaliha bħala Triq il-Ġdida sa ftit żmien ilu;

Old Mill Street, illum Triq il-Mitħna l-Qadima, jidher li kienet tasal sa Triq it-Torri, bil-kumplament tat-triq li llum ġġib l-istess isem fejn hemm iż-żewġ imtieħen kienu jirreferu għaliha bħala Strada Molino Via Valletta, peress li oriġinarjament kienet it-triq li minn żminijiet imbegħda kienet toħorġok mir-raħal għall-Belt.

Imbagħad kienu nfetħu wkoll numru ta' toroq ġodda bħal Strada Grognet, Strada Girolamo Cassar, Strada Lorenzo Gafà, Strada Matteo Callus, u Strada Ceilu Tonna.

Kif għidna, it-toroq eżistenti jew dawk ġodda ssemmew għall-Kurat Bezzina, Kurat Calleja, Salvatore Dimech, Tumas Dingli u Grognet, li kellhom x'jaqsmu direttament mal-Mosta, filwaqt li tħallew barra Mastr'Anġ Gatt, il-bennej tar-Rotunda, u l-Kurat Schembri, il-kappillan tant ħabrieki waqt il-bini tal-istess knisja li kien fadlilhom x'jistennew biex sa fl-aħħar issemmew toroq għalihom fil-Mosta.

Ironikament it-toroq l-oħra ssemmew għal nies li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-Mosta, bħal Dun Mikiel Xerri (eroj Malti ta' żmien il-Franċiżi), Mattew Callus (jew propjament it-tabib Ġużeppi Callus, li spiċċa kkundannat għall-mewt fir-Rabat fl-1561 minn La Vallette talli kien kiteb kontra t-tmexxija tiegħu lir-Re ta' Spanja), Ġlormu Cassar (perit tal-Kon-katidral

*Id-dar fi Triq Salvatore Dimech fejn jingħad li dan l-iskultur Mosti li għalih issemmiet din it-triq, kien ħadem l-istatwa oriġinali li kellna ta' Santa Marija fl-1868.*



ta' San Ġwann u diversi bereġ u bini fil-Belt), Lorenzo Gafà (perit, fosthom tal-Katidrali tal-Imdina u tar-Rabat, Għawdex) u Ċejlu Tonna (xi eroj tal-Assedju jew ta' xi taqbida oħra kontra t-Torok). It-toroq li kienu msemmija għall-kappelli li kien hemm fl-inħawi, bħal Strada Sant'Antonio, Strada Santa Margerita, Strada San Silvestro, Strada/Piazza San Leonardo u Strada Speranza żammew isimhom, u l-istess dawk li kellhom x'jaqsmu ma' xi post partikulari fil-Mosta bħal Strada Torre (għat-Torri Cumbo) u Strada Molino (għaż-żewġ imtieħen li hemm f'din it-triq).

Strada San Giovanni ġġibek bejn ħaltejn minn ġie l-ewwel, jekk hux it-tiġieġa jew il-bajda, jiġifieri jekk l-ewwel inbnietx id-dar illum bin-nru. 17 li għandha niċċa fil-faċċata b'San Ġwann l-Evanġelista u t-triq spiċċat ħadet isimha minnu, jew aktar probabbli li min bena din id-dar ispira ruħu mill-isem tat-triq biex iddedika niċċa għal dan il-qaddis. Strada Gneina jew Orchard Street nassumu li kienet tirreferi għal xi ġnien/ġnejna li kien hemm fl-inħawi forsi b'riferenza għall-Ġnien il-Kmand, li kien sar mal-wasla tal-Ingliżi aktar 'l fuq fi Strada Reale, illum Triq il-Kbira, nru. 15, u li llum ma jidhirx li fadallu imqar siġra waħda mħawwla fih. Strada Barrieri taf ħadet isimha minn ostaklu fit-triq li kien jimpedik milli tkompli dieħel fiha flok barrieri fis-sens ta' *quarries* bl-Ingliż għax għandi dubju kemm qatt xi darba kien hemm ġebla tajba tal-franka fil-post għall-bini ftit passi bogħod mill-wied, għalkemm il-Malti jgħid li 'kull xiber iqalleb' (jiġifieri filli qed tħaffer fl-artab u filli ssib il-qawwi u viċi-versa) u kieku vera kienu jeżistu l-barrieri, id-djar li kien hemm qodma fl-inħawi kien ikollhom kantina.

Strada Reale taf issemmiet hekk minn żmien qabel il-wasla tal-Ingliżi (Rjali għar-Re tal-Ingilterra) u l-isem ta' Pjazza/Strada Britannica juri wkoll l-influwenza Ingliża. Triq oħra li wkoll żammet isimha kienet Short Street/Strada Corta, illum Triq il-Qasira, li għalkemm ma nara xejn ta' sugu fl-isem, nistgħu ngħidu li għadna nafuha bl-isem oriġinali tagħha.

Wata Street bla dubju oriġinat mill-inħawi fil-qrib magħrufa bħala Tal-Wata, bejn il-wied fejn il-kappella tal-Isperanza u dik il-parti ta' fuq ta' Triq il-Kbira, in-naħa tar-Rabat. Strada Stivala wieħed jissoponi li xi ħadd b'dan il-kunjom kellu r-raba jew id-dar fl-inħawi, forsi xi wieħed mill-ibliet li kellu d-dar tal-villeġġjatura 'l hemm għax dan il-kunjom la nsibuh fil-Mosta fir-reġistri tal-magħmudijiet u tal-mejtin ta' bejn 1630 u 1650, la nsibuh fir-reġistru tal-i*status animarum* tas-sena 1687, u fil-lista tal-elettorat Mosti tal-1932 kien wieħed mill-kunjomijiet lanqas komuni b'4 biss kunjomhom hekk (0.35% biss tal-elettorat Mosti).

### Il-Mostin kif kienu mqassmin mar-raħal

L-imsemmija 1,149 elettorat Mosti tal-1932, kienu mqassmin hekk:

- fi Strada Reale – 251 ruħ (li minnhom 4 kienu fi Sqaq Nru. 1, u 3 fi Sqaq Nru. 2);
- Strada Torre – 102 ruħ (li minnhom 1 kien fi Sqaq Nru. 3 x'aktarx Triq Xorxa tal-lum, u 1 fi Sqaq Nru. 7);
- Via Congresso Eucaristico – 102 ruħ;
- Strada San Antonio – 79 ruħ (li minnhom 3 kienu fi Sqaq Nru. 1, 4 fi Sqaq Nru. 3, u 1 fi Sqaq Nru. 4);
- Strada Speranza – 78 ruħ;
- Bridge Street (Triq il-Pont) – 72 ruħ;
- Old Mill Street – 39 ruħ (li minnhom 2 kienu fi Sqaq Nru. 1);
- Strada San Giovanni – 34 ruħ;
- Strada Stivala – 34 ruħ (li minnhom 4 kienu fi Sqaq Nru. 1 illum jismu Triq Charles Vassallo);
- Oratory Street – 31 ruħ (li minnhom 3 kienu fi Sqaq Nru. 1);
- Strada Lorenzo Gafà – 30 ruħ;
- Strada Matteo Callus (illum Triq Ġużeppi Callus) – 28 ruħ;
- Strada Parrochiale – 28 ruħ (li minnhom 3 kienu fi Sqaq Nru. 2, illum tista' tgħid li nqered kważi kollox minnha, iċ-ċentru storiku tar-raħal, meta twaqqa' l-bini lejn is-snin sittin biex sar il-parking ta' biswit il-knisja);
- Curate Calleja Steet – 26 ruħ;
- Orchard Street (Triq il-Ġnejna) – 25 ruħ (li minnhom 2 kienu fi Sqaq Nru. 2);
- Curate Bezzina Street – 20 ruħ (li minnhom 7 kienu fi Sqaq Nru 2 illum jismu Triq Fabrizio Bartolo);
- Short Street (Triq il-Qasira) – 11-il ruħ;
- Strada Britannica – 18-il ruħ (li minnhom 2 kienu fi Sqaq Nru. 1);
- Strada Grognet – 15-il ruħ;
- St. Margaret Street – 14-il ruħ;
- Quarries Street – 11-il ruħ;
- Strada San Silvestro – 11-il ruħ;
- Strada Girolamo Cassar – 10;
- Strada Salvatore Dimech – 10;
- Strada Ċejlu Tonna – 9;
- Don Michele Xerri Street – 9;
- Strada Molino Via Valletta – 9;
- Pjazza San Leonardo – 8;
- Tommaso Dingli Street – 7;
- Strada Santa Margerita – 5;
- Wata Street – 4;
- Wied is-Sir – 4;
- Piazza Britannica – 3;
- Strada San Leonardo – 2;
- Contrada ta' Caspru – 1;
- Contrada tal-Isperanza – 1.

St. Margaret Street u Strada Santa Margerita taf kienu qed jirreferu għal toroq viċin xulxin iżda distinti, b'St. Margaret Street tkun dik li llum hi Triq Santa Margerita (peress li f'dik il-parti naf li kienu joqgħodu



CamScanner

xi niesi) u Strada Santa Margerita taf kienet Triq Caspru tal-lum.

Dik li llum hi Triq Sant'Anna ma tissemmiex, mhux għax ma kinitx għada nfetħet jew ħadd ma mar joqgħod fl-inħawi, imma għax kienet kunsidrata parti minn Triq Sant'Anton Abbati. Minn ċertu wieħed li kien joqgħod fiha nieħdu li d-djar kienu numerati bin-numru dejjem jiżdied aktar ma titla' t-telgħa, iżda minn dik il-mappa tal-Mosta tal-1907 jidher li għal xi raġuni l-isqaqien tagħha kienu numerati bil-kontra minn fuq għall-isfel, b'Vicolo 1 l-eqreb lejn il-Palazz ta' Kaspru jkun Sqaq Nru. 4 tal-lum u tkompli nieżel 'l isfel tispiċċa b'Vicolo 4 ikun Sqaq Nru. 1 tal-lum. Dik li llum hi Trejqa Sant'Anna ma nafx kinitx kunsidrata parti minn Triq Sant'Anton ukoll jew parti minn dak li kien Sqaq 1 ta' Triq Stivala.

Ta min jinnota kif triq Via Congresso Eucaristico, li kienet għada pjuttost ġdida sal-1932 u waħda mill-aħħar li saret, kienet saret it-tieni bl-akbar ammont ta' nies flimkien ma' triq ferm eqdem, Strada Torre. Strada Reale weħidha kellha 21.84% tal-Mostin, darbtejn u nofs aktar minn Strada Torre, u Via Congresso Eucaristico li jsegwuha, u dawn it-tliet toroq flimkien kienu jagħmlu aktar minn terz tal-popolazzjoni tal-Mosta (39.6%).

Rigward it-toroq ġodda mill-ammont ta' nies li kien fihom nistgħu nieħdu kif żviluppaw, bħal pereżempju l-ewwel bdew jiżviluppaw it-toroq li ħarġu minn Via Congresso Eucaristico, li kienet saret it-triq ewlenija tal-Mosta biex tmur il-Belt, jiġifieri Strada Matteo Callus (28 raġel) u Strada Lorenzo Gafà (30 raġel), u b'anqas popolarità dawk li ħarġu minn triq sekondarja Strada Torre, jiġifieri Strada Grognet (15-il raġel), Strada Girolamo Cassar (10 irġiel) u Strada Ceilu Tonna (9 irġiel), waqt li dik li llum hi Ponsonby Street jidher li kienet għada ma nfetħitx jew ħadd għadu ma mar joqgħod fiha sakemm ma kinitx xi Sqaq ta' Strada Torre.

Mill-banda l-oħra mil-lapidi tal-indulġenzi li hemm assoċjati ma' niċeċ li nsibu f'dawn it-triqat nistgħu nieħdu bejn wieħed u ieħor meta nbniet it-tali dar (forsi minn 5 sa 10 snin qabel ħareġ it-tali digriet tal-indulġenzi). Hekk insibu li l-ewwel inbniet il-kantuniera fuq Triq it-Torri ma' Triq Grognet fejn l-indulġenzi tal-istatwa ta' Kristu Salvatur iġġib id-data 1865, imbagħad il-kantuniera Triq il-Kungress Ewkaristiku ma' Triq Gafà fejn dik ta' San Ġużepp hi datata 1908, fl-istess żmien inbniet il-kantuniera Triq it-Torri ma' Triq Tonna, fejn hemm Madonna tal-Karmnu bl-indulġenzi tagħha ngħataw bejn is-snin 1889 sal-1914 (għax id-data ma kienx fadlilhom post fejn iniżżluha fil-lapida iżda hu msemmi l-isem tal-Isqof Pietru Pace, li serva bejn dawn is-snin, u x'aktarx saret fl-1901 jekk inqabblu l-iskrizzjoni ma' lapida simili ta' statwa oħra), u wara d-dar fi Triq Callus li tmiss mad-dar kantuniera fuq Triq Ġlormu Cassar fejn il-Madonna tal-Karmnu għandha indulġenzi datati 1922.

Jekk nikkunsidraw li l-Mosta kien raħal żgħir fl-1932 b'dawn il-31 triq li kien għad kellu, nistgħu nobsru kemm kien iżgħar fiż-żmien li fih kienet qed tinbena l-knisja meta kienu għadhom ma nfetħux dawk it-toroq ġodda bħal Triq il-Kungress Ewkaristiku bil-friegħi li ħarġu minna u l-frieghi l-oħra li ħarġu minn Triq it-Torri, li jkompli joħroġ fid-deher is-sagrifiċċji enormi ta' dawk l-antenati Mostin biex bnew knisja daqstant ieħor enormi bir-raba' l-akbar koppla mill-għoli fid-dinja sa dak iż-żmien (wara dik ta' San Pietru ta' Ruma, Santa Maria dei Fiori ta' Firenze, u San Pawl ta' Londra) u anki tissupera lil San Pawl ta' Londra bħala dijametru minn ġewwa!

### Mtieħen li kien hawn fil-Mosta fl-1932

Dak li fadal mill-mitħna ta' Triq San Silvestru kantuniera ma' Triq it-Torri, mibnija bħal seħbitha li nsibu fi Triq il-Mithna kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza fis-snin wara l-1838 meta l-Gvern neħħa l-monopolju fuq l-imtieħen u kull min ried seta' jibni waħda.

Fl-1928 riħ qawwi kien kisser l-antenni tal-Mitħna l-Qadima. Dan ir-ritratt juriha għada bihom, kuntrarju għall-Mitħna l-Ġdida fl-istess triq, li tidher fuq il-lemin li kienet ġa żarmata u l-istess dik ta' Triq San Silvestru, li tidher parti mit-tromba tagħha wara dik tal-Ġdida.

Sal-1932 kien għad hawn 5 imtieħen tar-riħ li l-mappa tal-Mosta tal-1907 ma turix dik ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, illum dar nru. 190, għax taf kienet diġà waqfet taħdem f'dik is-sena. Il-mitħna ta' Triq San Silvestru kantuniera ma' Triq it-Torri llum ma tingħarafx għax ħattewlha t-tromba forsi għajr l-ewwel 5 filati tagħha hekk li jekk wieħed jidħol bil-*Google Earth* għadu jista' jara l-bażi tonda tagħha. Konna nsibu oħra f'kantuniera fejn illum jiltaqgħu Triq Carmelo Schembri u Triq il-Kbira li flokha llum hemm blokka appartamenti u taf ukoll kienet inħattitilha



*Dak li fadal mill-mitħna ta' Triq San Silvestru kantuniera ma' Triq it-Torri, mibnija bħal seħbitha li nsibu fi Triq il-Mitħhna kantuniera ma' Vjal l-Indipendenza fis-snin wara l-1838 meta l-Gvern neħħa l-monopolju fuq l-imtieħen u kull min ried seta' jibni waħda.*



CamScanner



*Il-mitħna ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku, Nru. 190.*



*Fl-1928 riħ qawwi kien kisser l-antenni tal-Mitħna l-Qadima. Dan ir-ritratt juriha għadha bihom kuntrarju għall-Mitħna l-Ġdida fl-istess triq, li tidher fuq il-lemin li kienet ġa żarmata u l-istess dik ta' Triq San Silvestru, li tidher parti mit-tromba tagħha wara dik tal-ġdida.*

t-tromba minn żmien qabel għax f'mappa tal-Mosta tal-1957 mhix immarkata bħala mitħna, bl-uniċi tnejn immarkati jkunu dawk it-tnejn li għadna nsibu sal-lum fi Triq il-Mitħna.

Il-mitħna ta' Triq il-Kungress Ewkaristiku kienet intlaqtet fil-gwerra u peress li t-tromba kienet f'periklu li tiġġarraf, lejn l-1958 kienu ħattew dak li kien fadal minnha. Jekk wieħed jidħol bil-*Google Earth* fejn kien hemm it-tromba tagħha, illum jara minflok mibni bħal ħajt kwadru. Taf forsi l-istess destin kien mess lil dawk ta' Triq San Silvestru u ta' Triq Carmelo Schembri (jiġifieri taf intlaqtu bil-gwerra wkoll). L-imtieħen tar-riħ ma baqgħux vijabbli darba bdew deħlin magni li jaħdmu bil-fwar biex jitħnu l-qamħ lejn il-bidu tal-1900, fosthom waħda li kienet saret propju fil-Mosta stess fl-1895 f'sit numru 40 ta' Strada Speranza minn ċertu Costanzo Grech, u anki kellhom kompetizzjoni minn imtieħen tal-miexi (li jaħdmu b'xi bagħal) li kienu reġgħu ġew in voga lejn l-1860, bil-mitħna l-qadima tkun l-aħħar waħda li waqfet taħdem fejn baqgħet iġġebbed sal-1925[10].

## Nies illustri jew magħrufa li kien hawn fil-Mosta

Fost in-nies illustri li kienu jgħixu l-Mosta fl-1932 nsibu żewġ tobba: l-imsemmi politiku Rosario Mizzi ta' Via Congresso Eucaristico Nru. 112, u ieħor Antonio Busuttil, li kien joqgħod fl-istess triq iżda f'Nru. 128.

Fl-istess triq ukoll insibu l-perit Annetto Mifsud Ellul f'Nru. 52, li għalkemm il-pjanta tal-Oratorju kienet saret mill-Imgħallem Salvu Zahra[11], bħala professjonista fil-kariga tiegħu ta' perit kien ta l-approvazzjoni tiegħu għall-istess pjanta (u nassumi kien irranġaha fejn hemm bżonn), u saħansitra miet fid-9 ta' Frar 1942, vittma tal-gwerra[12].

It-tabib Ferdinand Calleja (1905-1990) insibuh ukoll fl-istess triq f'Nru. 146, iżda mhux immarkat bl-ittri M.D. ta' tabib fejn forsi kien għadu ma ggradwax.

Il-familja tal-Markiż Salvatore Mallia Tabone (1889-1955, is-sitt Markiż tal-Fiddien) insibuhom jgħixu f'161, Strada Reale, u fl-istess dar kienu joqgħodu l-membri l-oħra tal-familja tiegħu, Giuseppe (1891-1956), Nikola (1894-1973, is-seba' Markiż tal-Fiddien), u l-qassis Dun Ġwann, li kien miet b'disgrazzja fit-tieni gwerra dinjija fit-3 ta' Novembru 1941, ta' 44 sena[13] meta hu u sejjer il-Biżbiżija riekeb karrettun biex iqaddes quddiesa waqt twissija ta' *air-raid* sfrattalu jew ħarab bih iż-żiemel. Illum id-dar fejn kien joqgħod ftit passi bogħod mid-dar tal-Arċipriet għandha numru 311, u fuq bieb 315 tal-istess dar hemm minqux l-annu 1811.

Il-familja Grech Mifsud, li xi membri tagħha jinsabu midfuna fil-kappellun ta' San Pawl fir-Rotunda, li tagħha kienu benefatturi u wieħed minnhom Oreste (li minnu ħadu l-laqam Ta' Wresta), kien anki ħallas għall-arloġġ tal-knisja fl-1890, ma sibthomx fil-lista, almenu b'dak il-kunjom, fejn taf kellhom xi post barra mir-raħal u kienu reġistrati hemm minflok.



*Dun Ġwann Mallia Tabone, ħu l-Markiż tal-Fiddien Salvatore, li miet ta' 44 sena b'disgrazzja.*

Lanqas ma kien possibli nidentifika xi membri tal-familja Chetcuti, magħrufa bħala Ta' Danjeli, li l-antenati tagħhom kienu benefatturi tal-kappellun ta' San Ġużepp hekk li hemm uħud minnhom midfunin hemm (fosthom dan it-tabib Danjel Franġisk Chetcuti li miet fl-1895), minħabba li



CamScanner

ježistu ħafna b'dan il-kunjom Chetcuti u ħadd minnhom mhu mmarkat b'dan il-laqam (wisq probabli li ċertu Dun Chetcuti Pasquale u Pellegrini Chetcuti Daniele, it-tnejn ta' Strada Reale Nru. 367, kienu jiġu minn din il-familja għax ried ikun hemm xi ħaġa ta' preġju fil-familja biex dak Pellegrini żamm Chetcuti bħala t-tieni kunjom tiegħu).

Ukoll fil-Mosta kien hawn b'kollox 25 qassis, qisu wieħed għal kull 46 persuna, li kienu joqogħdu:

- ħamsa f'Via Congresso Eucaristico (Rev. Joseph Camilleri f'Nru. 26b, Rev. Carmelo Camilleri Chetcuti f'Nru. 141, Dun Angelo Falzon f'Nru. 99, Dun Giuseppe Grech f'Nru. 117, u Rev. Joseph Vella f'Nru. 71);
- tlieta f'Curate Calleja Street (Rev. Gregorio Borg f'Nru. 48, u l-aħwa Dun Anton u Dun Pietru Ellul f'Nru. 28);
- wieħed fi Strada Matteo Callus (Dun Paolo Galea f'Nru. 27 imniżżel bħala *Chco*. li x'aktarx hi *Chierico* fil-qasir);
- tlieta f'Old Mill Street (Dun Giovanni Abela f'Nru. 24, Dun Giovanni Fenech f'Nru. 45, u Dun Constantino Grech f'Nru. 12);
- wieħed fi Strada Parrochiale (Dun Giuseppe Dimech f'Nru. 80);
- sebgħa fi Strada Reale (Dun Gio. Maria Azzopardi f'Nru. 201, Dun Giusepp Borg f'Nru. 359, Dun Carmelo Camilleri [Magro] f'Nru. 168, Dun Pasquale Chetcuti f'Nru. 367, l-imsemmi Dun Giovanni Mallia Tabone f'Nru. 161, Rev. Giuseppe Mifsud f'Nru. 73, u Dun Paolo Mifsud f'Nru. 354);
- wieħed fi Strada S. Antonio (Dun Carmelo Sciberras f'Nru. 114);
- tnejn fi Strada S. Giovanni (Dun Carmelo Camilleri f'Nru. 52, u Dun Antonio Farrugia f'Nru. 56);
- wieħed fi Strada Speranza (Dun Pacifico Galea f'Nru. 40);
- u ieħor fi Strada Torre (Dun Giuseppe Calleja f'Nru. 241).

Minn dawn il-qassisin, Dun Karm Camilleri Chetcuti, Dun Anġ Falzon, Dun Ġużepp Grech, Dun




*Il-lapida f'nofs il-kor bl-ismijiet tal-qassisin li ħallsu għall-irħamar tal-paviment tal-Kor u tal-Presbiterju.*

Ġwann Fenech, Dun Constantino Grech, Dun Ġużepp Dimech, Dun Ġużepp Borg, Dun Karm Camilleri (Magro), Dun Pasquale Chetcuti, Dun Pawl Mifsud u Dun Pacifico Galea kienu 11 mill-25 qassis li kienu ħallsu biex sar il-paviment bl-irħam tal-presbiterju u tal-kor u li nsibu isimhom imniżżel fil-lapida li hemm mal-art f'nofs il-kor, bl-oħrajn fil-maġġor parti kienu laħqu mietu bħal fil-każ tal-Prokuratur Żabbari Dun Anġ Camilleri mlaqqam Dun Anġ ix-Xiħ li miet fit-8 ta' Settembru 1927 (fl-elettorat Mosti tal-1910 kien imniżżel li kien joqgħod fi Strada Torre Nru. 149, flimkien ma' ċertu Gregorio Calleja; fl-1932 f'dan l-indirizz kien joqgħod Abela Carmelo, Ta' Lgħaġina) u Dun Karm Gauci (fil-lista tal-1910 kien imniżżel li kien joqgħod fi Strada Nuova Valletta Nru. 80 jew Via Congresso Eucaristico; fl-1932 f'dan l-indirizz kien joqgħod il-benefattur Mosti Carmelo Dimech) li kien beda l-idea ta' Oratorju u nawgura wieħed fi Triq il-Kungress Ewkaristiku fl-1914[14] u lejn l-1921 kien irranġa l-kappella ta' San Pawl l-Eremita[15] li kien miet fid-9 ta' Novembru, 1929[16], waqt li xi oħrajn taf kienu f'karigi band'oħra bħal Dun Edgar Salomone, li kien kappillan l-Imġarr. Il-qassis Dun Ġużepp Mifsud kien miet mirdum fil-gwerra fl-20 t'April 1942,[17] waqt li Dun Paċik Galea kien miet f'inċident tat-traffiku fl-20 ta' Ġunju, 1963[18].

Dun Girgor Borg kien l-Arċipriet attwali tal-Mosta (mill-1930 sal-1942), li kien joqgħod fl-istess dar ma' missieru Gio. Nicola, u fi żmienu nbniet id-*Domus Curialis* fejn joqgħod l-Arċipriet u miet fit-2 ta' Ġunju 1942, ftit wara li l-koppla nifditha bomba fid-9 t'April, 1942[19].

Dun Karm Sciberras mwieled il-Mosta fis-27 ta' Novembru 1893, bil-familja tiegħu magħrufa bħala Taż-Żoqdi (iżda mhux imniżżel bil-laqam fil-lista), kien l-Arċipriet ta' warajh magħżul mill-Isqof Dom. Mauro Caruana biex imexxi l-Parroċċa u ħa l-pussess nhar il-Ħadd, 10 ta' Frar 1943, fejn dam sal-1948, meta rriżenja minħabba saħħtu u miet fit-23 ta' Mejju, 1950[20]. Fi żmienu fl-1948 ġiet immodifikata l-istatwa ta' Santa Marija minn Ċensu Apap.

Dun Paolo (Pawlinu) Galea li laħaq qassis fl-20 ta' Settembru 1930, kien l-Arċipriet ta' warajhom u ħa l-pussess fil-5 ta' Novembru 1948, u dam sal-1960, meta nħatar Kanonku Kapitulari tal-Katidral. Fi żmienu sar id-damask tal-knisja (fis-snin 1951 u 1952) u fl-istess żmien il-knisja nżebgħet mill-ġdid, il-bankun ta' Santa Marija (1957), u l-kisi tal-koppla minn barra bir-ram (1960)[21]. Dan Dun Pawlinu Galea kien xtara qabar privat fil-kannierja fejn mil-lapida jidher li kien difen uħud mill-familjari tiegħu, fosthom missieru Mosè li miet fis-6 ta' Frar 1955, u li nsibuh joqgħod fi Strada Matteo Callus Nru. 27, flimkien ma' dan Dun Pawl, iżda hu (Dun Pawl) mhux midfun fil-kannierja f'dan il-qabar għax kien ilu li spiċċa d-dfin fiha meta miet fil-21



CamScanner



*Dun Pawlinu Mifsud (1867-1939)*

ta' Diċembru, 1982.

Dun Pawlinu Mifsud kien joqgħod flimkien ma' ħuh Vinċenz fi Strada Reale Nru. 354, kien twieled il-Mosta fl-1867 u kien benefattur kbir tal-Oratorju Qalb ta' Ġesù. Kien mastrudaxxa gwapp u sewwa u għamel l-orgnijiet ta' diversi knejjes ta' Malta, fosthom l-orgni tal-kor tal-knisja tagħna li għamlu b'xejn. Il-ħanut tad-dar tiegħu, li darba kien ta' missieru Pietru Pawl, mastrudaxxa ieħor gwapp, li ħadem ħafna mill-injam tal-knisja bħal twieqi u bibien u mbagħad ta' ħuh Ċensu, kien qisu każin fejn kienu jinġabru kuljum fih professjonisti, qassisin u ħbieb oħra madwar Dun Pawl, waqt li kien ikun qed jaħdem xi biċċa xogħol minn tiegħu, xi "biċċa preżunzjoni," kif jingħad li kien isejjħilha[22].

Ma rnexxilix insib lil qassis Dun Ġwann Debono li twieled il-Mosta fl-14 t'Awwissu 1910, kien ordnat saċerdot fil-15 t'Awwissu 1933, u miet fit-8 ta' Mejju, 1979. Fl-1932 tiġi li kellu 22 għoxrin sena u taf għal ftit ma kkwalifikax biex jivvota minħabba l-età. Dun Ġwann li kellu l-muża għall-poeżija jibqa' magħruf għall-versi tal-innu tal-Inkurunazzjoni u kien ħallas għall-istatwa ta' San Ġwann l-Evanġelista tal-portiku fl-1966[23]. L-uniċi nies Debono fil-Mosta fl-1932 kienu Filippo u Michele ta' 154 Strada Torre, u taf kien jiġi minnhom bħal ħuhom u kien joqgħod ukoll f'dik id-dar.



*Dun Anġ Dingli (1908-1984)*

Qassis ieħor Dun Anġ Dingli nsibuh f'144, Via Congresso Eucaristico, li kien twieled il-Mosta fl-14 ta' Settembru 1908, iżda mhux immarkat bħala qassis għax fil-fatt laħaq ħafna snin wara, fit-18 t'April 1940, u kien miet fis-6 t'April, 1984[24].

Il-qassis Dun Pawl Calleja (1909-1995) li fl-1978 laħaq Kanonku mhux imniżżel fil-lista x'aktarx għax fl-1929 kien mar jistudja l-Italja f'seminarju f'Livorno minn fejn ġie ordnat saċerdot fl-10 ta' Marzu, 1933[25].

Emmanuel Benjamin Vella, li kien pijunier fil-formazzjoni u t-tagħlim tal-lingwa tal-Malti, ħadem ma' Sir Temi Zammit fuq diversi siti arkeoloġiċi u anki ħareġ diversi kotba fost l-oħrajn, kien joqgħod f'Via Congresso Eucaristico Nru. 75, u hu mniżżel taħt l-isem Benjamin flok Emmanuele Benjamin (ismu fuq il-ktieb tiegħu fuq il-Mosta mniżżel E.B. Vella).

Ukoll f'Via Congresso Eucaristico Nru. 80 insibu l-imsemmi benefattur Carmelo Dimech, magħruf bħala Ta' Badandu, imma fil-lista mhux imniżżel bil-laqam (illum il-villa tiegħu li bena f'din it-triq, 'Villa Dimech' iġġib in-numru 47).



*Il-Kavallier u benefattur kbir tar-Rotunda Carmelo Dimech (1883-1958)*

L-imgħallem, prim bennej u nistgħu ngħidulu arkitett ukoll, Mastru Salvu Zahra, kien ukoll joqgħod f'Via Congresso Eucaristico Nru. 95, li fosthom kien ħażż b'ħila kbira d-disinn tqil u sabiħ ta' Grognet għat-taqtigħ tal-kwadretti u r-rużuni tal-koppla, u meta l-koppla nifditha l-bomba fl-1942 fuq disinn tiegħu kienet saret bħal skalapiża li ġiet imtellgħa mas-saqaf tal-koppla u taħt it-treġija tiegħu ġiet irranġata l-ħsara kbira li kien hemm.



*L-imgħallem Mastru Salvu Zahra (1874-1960)*

L-iskultur u mastrudaxxa Fabrizio (Bizzju) Bartolo, li miet fil-31 ta' Mejju 1960, hu mniżżel li kien joqgħod fi Strada Sant'Antonio Nru. 7, li llum tiġi Triq Sant'Anna Nru. 15.



*Maestro Ġanni Vella (1890-1955)*

Is-surmast Maestro Ġanni Vella, li kien waqqaf mill-ġdid il-Banda Nicolò Isouard lejn l-1922 wara li kienet għodda sfaxxat xi żmien ftit wara l-Kungress Ewkaristiku tal-1913, insibuh fi Strada Torre Nru. 21 (illum Triq it-Torri Nru. 57). Kien jiġi missier Charles Vella, magħruf bħala 'Ċekċek', li għal diversi snin kien Kap tal-Iskawts tal-Mosta, imma ma jidhirx li dan kien ukoll il-laqam ta' missieru.

Il-politiku Nicola Muscat, li twieled il-Mosta fl-20 ta' Lulju 1901, kien elett mal-P.N. fil-Parlament fl-1962, u għamel xi żmien segretarju tal-Każin Nicolò Isouard, insibuh joqgħod f'Via Congresso Eucaristico Nru. 23.

Ċertu Francesco Mangion, li twieled il-Mosta fit-23 ta' Settembru 1905, u miet fil-11 ta' Novembru 1985, li għalkemm bħala professjoni kien bidwi, kien jaf jikteb u jaqra hekk li nsibu diversi artikli tiegħu fosthom fil-gazzetta 'Il-Mosta' u anki ta kontribut meta reġa' ġie ppubblikat mill-ġdid il-ktieb ta' E.B. Vella fuq il-Mosta, x'aktarx hu dak li kien joqgħod fi Strada Giovanni Nru. 50.

F'Via Congresso Eucaristico Nru. 46, kien joqgħod ċertu wieħed Leone Grech, li taf minħabba l-isem



CamScanner

mhux komuni tiegħu, uliedu spiċċaw magħrufa bħala 'Ta' Luni', fosthom wieħed Ġużeppi li kien ħallas għall-istatwi ta' San Pawl u San Pietru ta' fuq iz-zuntier fl-1974, u għall-istatwa ta' Sant'Anton Abbati fit-triq li ġġib l-istess isem fl-1997, u fil-25 ta' Mejju 1998 kien irregala lill-knisja l-mudel tar-Rotunda fil-ġebel xogħol Bizzju li nsibu fis-sagristija tal-bomba u l-kumpass u l-bastun li Grognet kien juża biex ikejjel fuq il-lant tax-xogħol waqt il-bini tal-knisja[26].

Ċertu Vincenzo Agius 'Tal-Bonu' (miet 1939), li nsibuh fi Strada Torre Nru. 231, kien mastrudaxxa u jaħdem il-karrettuni[27] iżda kien jinqala' wkoll bħala skultur fejn mad-dar tiegħu kien għamel kappella privata tad-Duluri, li llum tiġi Triq it-Torri Nru. 30, u żejjinha fost l-oħrajn fil-faċċata bi statwi tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp fuq mensoli b'lavur mill-ifjen. Fuq nota personali, ċertu wieħed Luca Galea, magħruf bħala Luqa tat-Tork, li kien ħabib ta' missieri (iz-zija ta' missieri, Pina, kienet miżżewġa lil ħuh Karmnu li nsibuh f'Gafà Street) li kien joqgħod fi Strada Sant'Antonio Nru. 37, u li jiftakarhom jagħmlu l-lanterna tal-knisja, kien qal lil missieri li jiftakar l-lanterna jibnuha l-ewwel fuq iz-zuntier (jew x'imkien fil-pjazza fil-qrib) u darba raw li setgħet iżżomm (b'dawk il-mensoli kbar tal-ġebel maqluba 'l ġewwa u biċ-ċirku tal-ħadid / ċintorin ingastat fil-parti ta' fuq tagħhom li jorbot kollox), kienu żarmaw kollox u ramaw kollox mill-ġdid fil-post fuq il-koppla.

### Kunjomijiet l-aktar komuni

Mil-lista tal-elettorat Mosti tal-1932 insibu 97 kunjom differenti, jew 94 kunjom jekk neliminaw varjazzjonijiet tal-istess kunjom bħal Sciberras/Xiberras, Scicluna/Xicluna u Sciriha/Xiriha, li fl-ordni mill-iktar għall-anqas komuni huma: Camilleri (89 wieħed); Galea (76); Fenech (70); Vella (66); Muscat (61); Borg (51); Sammut (42); Schembri (38); Chetcuti u Grech (35 kull wieħed); Agius u Calleja (29); Mifsud u Sant (24 kull wieħed); Dimech u Tonna (19 kull wieħed); Sciberras (2 imniżżla Xiberras) u Buhagiar (18 kull wieħed); Bezzina (17); Micallef u Zammit (16 kull wieħed); Bugeja, Deguara, Gatt u Gauci (15 kull wieħed); Bartolo, Mangion u Said (13 kull wieħed); Frendo (12); Abela u Falzon (11 kull wieħed); Farrugia (10); Attard, Azzopardi, Bonnici, Busuttil, Grima u Saliba (9 kull wieħed); Schiriha (2 imniżżla Xiriha) u Vassallo (8 kull wieħed); Xerri (7 li ma nsibuhx fil-verżjoni Scerri); Caruana, Catania, Scicluna (1 imniżżel Xicluna), Magri u Mallia (6 kull wieħed); Cuschieri, Tanti u Zahra (5 kull wieħed); Bellia, Ebejer, Felice, Mallia Tabone, Quattromani, Riolo, Stivala, Xuereb u Zerafa (4 kull wieħed); Bonanno, Bonavia, Ciappara, Dingli, Ellul u Mamo (3 kull wieħed); Balzan, Camilleri Borg, Cassia, Cilia, Coleiro, Debono, Psaila u Spiteri (2 kull wieħed); Abdilla, Aquilina, Bonello, Cachia, Camilleri Chetcuti, Caruana Dingli, Cassar, Cauchi, De Piro, Degiorgio, Fsadni, Laferla, Magro, Mercieca, Mifsud Ellul, Mizzi, Pellegrini Chetcuti, Rosso, Salomone, Sghendo, Stellini u Sultana (1 kull wieħed).

Kunjomijiet bħal Calleja u Dimech, li jingħad li setgħu oriġinaw minn lokalitajiet fil-Mosta, jiġifieri Wied il-Qlejgħa u Ħal Dmiegħ lejn il-kappella ta' Sant' Andrija rispettivament, insibuhom fil-11 (flimkien ma' Agius) u l-15-il post fil-popolarità. Il-kunjom Camilleri waħdu kien jagħmel 7.75% tal-elettorat Mosti u addirittura jissupera lit-tieni kunjom l-aktar komuni, Galea, bi 13. L-aktar ħames kunjomijiet komuni flimkien (Camilleri, Galea, Fenech, Vella u Muscat) kienu jagħmlu kważi terz tal-elettorat Mosti (31.51%) u jekk nieħdu l-aktar 10 kunjomijiet komuni flimkien (żid Borg, Sammut, Schembri, Chetcuti u Grech) kienu jagħmlu kważi nofs l-elettorat (49%). Dan jikkuntrasta meta tqis li fl-1419-1420 l-aktar kunjom komuni fil-Mosta kien Galea u fl-ewwel snin tas-seklu 17, is-seklu li fih il-Mosta saret parroċċa għaliha, Galea żamm il-popolarità (jidher 144 darba), segwit minn Fenech (106), Sammut (80), Borg (50), Sciberras (41), Portelli (40, li fl-1932 ma jissemmix), Agius (39), Vassallo (36) u Busuttil (35), waqt li l-kunjomijiet bħal Camilleri, Buħagiar u Chetcuti jissemmew anqas. Aktar tard lejn l-1687 Galea baqa' l-aktar popolari (149), segwit minn Fenech (100), Sammut (90), Camilleri (60), Borg (55), Bartolo (53), Frendo (42), Agius, Busuttil u Chetcuti (41 darba kull wieħed)[28].

### Ismijiet l-aktar komuni

Rigward l-ismijiet, kien hawn 99 isem differenti li fl-ordni mill-iktar għall-anqas komuni kienu: Giuseppe (215-il wieħed, li minnhom 11 imniżżla Joseph); Carmelo (128); Salvatore (84); Paolo (78, li minnhom 5 imniżżla Paul); Giovanni (77, li minnhom 2 imniżżla John); Gio. Maria (75); Francesco (58, li minnhom 1 imniżżel Francis); Antonio (33, li minnhom 2 imniżżla Anthony); Pacifico (29); Vincenzo (28, li minnhom 3 imniżżla Vincent); Emmanuele (26); Angelo (25); Michele (21); Pietro (18, li minnhom 1 imniżżel Peter); Luigi (15); Nicola (14); Andrea (13); Tommaso (11); Vittorio (10); Matteo u Nazareno (9 kull wieħed); Giorgio (8) u Michel'Angelo / Michelangelo (8 kull wieħed); Spiridione (7); Felice (1, imniżżel Felix), Grazio, Lorenzo u Pasquale (6); Calcedonio, Gregorio u Simeone (5 kull wieħed); Bartolomeo, Domenico, Filippo, Moses/Mosè u Onorato (4 kull wieħed); Annunziato, Carlo, Constantino, Gio. Nicola, Gio. Paolo, Luca, Santo, Saverio u Sebastiano (3 kull wieħed); Clemente, Edoardo (1 imniżżel Edward), Elia, Gaetano, Giacomo, Gio. Batta, Giuliano, Pietro Paolo (1 imniżżel Peter Paul) u Rosario (2 kull wieħed); Agostino, Alberto, Alessandro, Alfred,



CamScanner

Alfredo, Annetto, Antonio M., Benedetto, Benjamin, Carmelo Emmanuele, Consolato, Cristino, Cristoforo, Damiano, Daniele, David, Edgar, Eleazzaro, Enrico, Epifanio, Fabrizio, Ferdinando, Filomeno, Fortunato, Gerardo, Giacchino, Giovanni, Girolamo, Giuseppe M., Giusto, Ignazio, Isaac, Joseph Emanuel, Joseph M., Joseph P., Lazzaro, Leone, Loreto, Marcello, Maruzzo, Paolo Antonio, Pubblio, Raffaele, Roberto, Samuel u Serafino (1 kull wieħed).

L-isem Giuseppe/Joseph waħdu kien jagħmel 18.71% tal-ismijiet tal-irġiel fil-Mosta, u addirittura jissupera lit-tieni isem l-aktar komuni, Carmelo b'87. L-aktar ħames ismijiet komuni flimkien (Giuseppe/Joseph, Carmelo, Salvatore, Paolo/Paul u Giovanni/John) kienu jagħmlu aktar min-nofs l-elettorat (50.74%) u jekk nieħdu l-aktar 10 ismijiet komuni flimkien (żid Gio. Maria, Francesco/Francis, Antonio/Anthony, Pacifico u Vincenzo/Vincent) kienu jagħmlu aktar minn żewġ terzi tal-elettorat (70.15%). Dan jikkuntrasta meta tqis li fl-1419-1420 l-ismijiet popolari fil-Mosta kienu Xmun, Antonio, Gugliermo, Paolo, Giovanni, Nicola, u Tumas b'Giuseppe u Carmelo ma jissemmewx, waqt li bejn is-snin 1630-1650 l-ismijiet fil-magħmudijiet l-aktar komuni kienu Domenico (75 darba), Gio. Maria (68), Johannes (20), Gratius (19), Clemens/Clementius (17), Mattew (16), Petrus (14), Jo Paulus (13), Gregorius (12), Josephus (12) u Paulus (11) u fosthom Nikol ma jissemma' xejn[29].

Fil-lista tal-1932 minn dawk id-29 li użaw il-verżjoni Ingliża ta' isimhom bl-eċċezzjoni ta' xi 5 minnhom, kollha kienu jafu jaqraw u jiktbu, waqt li Via Congresso Eucaristico kellha l-akbar persentaġġ (58.62%) ta' ismijiet ta' dan it-tip, 17 b'kollox, fejn kellek 1 Edward, 1 Felix, 1 John, 7 Joseph, 1 Joseph Emanuel, 3 Paul, 1 Peter, 1 Peter Paul u 1 Vincent.

Ismijiet bħal Gawdenz, Marku u Valent ma nsibuhomx, Eucaristo/Karistu f'raħal li fih kien iltaqa' l-Kungess Ewkaristiku lanqas, u inkredibbilment wisq anqas l-isem Marju f'raħal iddedikat lill-Assunta ma jeżisti fost l-irġiel, iżda għalih kien jagħmel tajjeb l-isem Gio. Maria, li nsibuh sorprendentement mhux fil-quċċata imma fis-sitt post fil-popolarità li jġegħlek tistaqsi x'seta' kellu l-isem Giuseppe daqshekk speċjali (forsi l-fatt li l-Papa Piju IX kien iddikjara lil San Ġużepp il-patrun universali tal-knisja fl-1870 jew għax kien hawn fratellanza tiegħu fil-Mosta, imma kieku kif ma kienx hawn ukoll ħafna Domenico, Rosario u Consolato). Jidhirli li l-bennej Mastr'Anġ Gatt minn fost il-ħafna tfal li kellu, kellu fil-fatt xi wieħed jismu Mario (li kienu jsibuh il-Murju), iżda mhux imniżżel fil-lista għax taf kien laħaq miet sal-1932 (fil-fatt lanqas ma jidher ħuh Francesco Gatt li kien jiġi z-ziju tar-rispett ta' missieri, u nissoponi li ulied Mastr'Anġ kienu mietu kollha sa dak iż-żmien).

### Kunjom u isem kombinati flimkien

Jekk issa nieħdu l-kunjom u l-isem tal-persuna kkombinati flimkien nistgħu nobsru li l-aktar komuni kienu dawk li kellhom kemm kunjomhom u kemm isimhom fost l-aktar komuni. Hekk insibu fl-ewwel postijiet lil Ġużeppini b'kunjom Camilleri, Fenech, Galea u Muscat, jiġifieri Camilleri Giuseppe u Fenech Giuseppe (18 kull wieħed), Camilleri Carmelo u Galea Giuseppe (14 kull wieħed); Muscat Giuseppe (13); Vella Giuseppe (12); Galea Paolo (10); Borg Giuseppe, Grech Giuseppe, Muscat Carmelo, Sammut Giuseppe u Vella Gio. Maria (8 kull wieħed); Calleja Carmelo, Camilleri Gio. Maria, Fenech Giovanni, Galea Gio. Maria, Galea Salvatore u Schembri Giuseppe (7 kull wieħed); Calleja Giuseppe, Camilleri Giovanni, Galea Giovanni u Vella Giovanni (6 kull wieħed); Borg Carmelo, Camilleri Francesco, Camilleri Salvatore, Chetcuti Giuseppe, Fenech Gio. Maria, Fenech Paolo, Fenech Salvatore, Galea Carmelo, Sammut Giovanni, Sant Giuseppe, Tonna Giuseppe u Vella Carmelo (5 kull wieħed); Agius Giuseppe, Bonnici Giuseppe, Borg Salvatore, Buhagiar Giuseppe, Camilleri Paolo, Chetcuti Gio. Maria, Chetcuti Salvatore, Fenech Carmelo, Fenech Francesco, Mifsud Carmelo, Muscat Gio. Maria, Muscat Giovanni, Sammut Carmelo, Sammut Salvatore, Schembri Paolo u Vella Paolo (4 kull wieħed), u nistgħu nibqgħu sejrin. Dawk l-irġiel li kellhom kunjom u isem uniku fil-Mosta kienu anqas min-nofs jew 486 (42.3%).

### Litteriżmu

Il-lista timmarka wkoll kull individwu jekk kienx jaf jaqra u jikteb (immarkat 'a'), jekk kienx iħallas renta (immarkat 'b') u jekk kienx jirċievi renta (immarkat 'c'). Minn dawk l-1,149 raġel Mosti, 514 minnhom (44.73%) kienu jafu jaqraw u jiktbu, 614 (53.43%) kienu jħallsu renta, u 448 (42.47%) kienu jirċievu renta. Minn dawk l-imsemmija, 514 li kienu jafu jaqraw u jiktbu, 221 minnhom ma kienu la jħallsu u lanqas jirċievu renta, 38 minnhom kienu jħallsu u jirċievu renta, 95 minnhom kienu biss iħallsu renta, u 160 minnhom kienu biss jirċievu renta. Mill-kumplament, jiġifieri minn dawk is-635 li ma kienux jafu jaqraw u jiktbu, 96 minnhom kienu jħallsu u jirċievu renta, 385 minnhom kienu biss iħallsu renta, u 154 minnhom kienu biss jirċievu renta. Jekk inwarrbu lil dawk li kienu kemm iħallsu kif ukoll jirċievu renta, jirriżulta li jekk wieħed kien jaf l-iskola aktar kien hemm ċans li kien jirċievi milli jħallas renta (proporzjon iħallas:jirċievi hu ta' 95:160 jew 1:1.68, għal kull wieħed tal-iskola li kien iħallas renta kien hemm 1.68 li kienu jirċievu renta), waqt li wieħed li ma kienx jaf skola aktar kien hemm ċans li kien iħallas milli jirċievi renta (proporzjon iħallas:jirċievi hu ta' 385:154 jew 2.5:1, għal kull 2.5 ta' bla skola li kienu jħallsu renta kien hemm wieħed li jirċievi renta).



CS CamScanner

Bħala litteriżmu, Via Congresso Eucaristico kellha l-akbar persentaġġ ta' rġiel li kienu jafu jaqraw u jiktbu (80.39%), segwita minn Strada Girolamo Cassar (70%), Strada Grognet (66.67%), Oratory Street (61.29%) u Strada Matteo Callus u Tommaso Dingli Street (57.14% kull wieħed), waqt li l-anqas persentaġġ kien dawk ta' Pjazza/Strada Britannica (23.81%), St. Margaret Street/ Strada Santa Margerita (21.05%), Orchard Street, Salvatore Dimech Street u Pjazza/Strada San Leonardo (20% kull wieħed), Strada Ceilu Tonna (11.11%) u Don Michele Xerri Street (0%) fejn minn 9 irġiel li kienu jgħixu fiha ħadd minnhom ma kien jaf jaqra u jikteb. Toroq ewlenin bħal Strada Reale, Strada Torre, Strada Sant'Antonio u Strada Speranza kellhom persentaġġi ta' 43.03%, 43.14%, 41.77%, u 41.03% rispettivament.

Mil-lista tal-elettorat tal-1932 x'aktarx kien hemm irġiel Mostin li la kienu jafu jaqraw u jiktbu, u lanqas kienu jħallsu jew jirċievu renta, u allura taf ma kkwalifikawx biex jivvutaw u minħabba f'hekk jista' jkun li ma ġewx inklużi fil-lista.

## Laqmijiet

Bla dubju ta' xejn l-akbar patrimonju imprezzabli ta' din il-lista tal-elettorat tal-1932 hu l-fatt li wħud mill-irġiel imsemmija (513 minnhom) qegħdin imniżżla bil-laqam, qisu qed tgħid il-knisja ma kinitx tkun kompluta mingħajr il-lanterna. Fi żmien meta kienu għadhom ma ġewx introdotti n-numru tal-karta tal-identità assoċjat ma' kull individwu, il-laqam kien jifforma parti mill-identità tal-persuna jew aħjar ta' familja li jiddistingwiha mill-oħrajn, li jagħmel aktar sens meta tqis il-kultura ta' dak iż-żmien li kulħadd isemmi għall-antenati u l-qaddisin kienu jispiċċaw fil-maġġoranza jkollhom kunjomhom u ismihom jixxiebah ma' ta' ħaddieħor fl-istess raħal (fil-Mosta dawn kienu aktar min-nofs, fejn kif semmejna qabel kienu biss 478 minn 1,149 li kellhom kunjom u isem uniku).

Biex jgħin f'din il-konfużjoni uħud kienu jniżżlulhom l-isem ta' missierhom, eżempju Muscat Giuseppe fu Antonio (bin il-mejjet Antonio) jew jużaw il-laqam bl-istess skop, bħal Vella Gio. Maria Ta Gian Paul. F'xi każi kienu jniżżlu tal-omm (jew tan-nanna?) minflok jew ukoll, bħal Mamo Salvatore Ta Cola ta Zeza, partikularment meta f'dan il-każ din Żeża possibilment kienet Mostija u magħrufa fir-raħal u taf iżżewġet wieħed minn barra r-raħal li n-nies kienu għadhom ma drawhx. F'xi każi l-isem tal-antenat bħal ngħidu aħna Ta Gian Paul seħel kien l-istess bħal ta' ħaddieħor u allura ma tantx kien jgħin biex jagħmel distinzjoni bejniethom.

Minn 332 laqam differenti li hemm imniżżla, 38 minnhom (jew 11.45%) kienu ta' dan it-tip. Dawn huma (dak fil-parentesi hu l-kunjom li taħtu deher it-tali laqam): Ta Antonin (Muscat), Ta Carla (Galea), Ta Cola ta Zeza (Mamo), Ta Gaita Tal Għagin (Mifsud), Ta Gaitu (Bartolo), Ta Gaudenz (Grech), Ta Giamri (Muscat), Ta Gian Gian (Chetcuti), Ta Gian Paul (Chetcuti/Vella), Ta Gianni Ta Gian Paul (Vella), Ta Giusep Ta Gian Paul (Vella), Ta Giusep Ta Mradni (Vella), Ta Giusep tal Mancia (Galea), Ta Giusepp ta Miju (Vassallo), Ta Giusu (Said), Ta Glormu (Deguara), Ta Lonz (Fsadni), Ta Marcell (Sciriha/Vella), Ta Marcella (Abdilla/Micallef), Ta Maria ta Luka (Sammut), Ta Mattheum (Vella), Ta Michilis (Gauci), Ta Miju/Miu (Sant/Vassallo), Ta Nardu (Schembri), Ta Natu (Bellia), Ta Nina (Chetcuti), Ta Nurat (Bonavia), Tal Pascal Ta Menziu (Borg), Ta Peppina (Gauci), Ta Salvu ta Għeibu (Falzon), Ta Spir (Bartolo), Ta Vennera/Vennura (Bartolo), Ta Ventur/Vuntur (Gauci/ Grima), Ta Wenz (Buhagiar), Ta Xandra Ta L'Isued (Caruana), Ta Xandru (Grech), Taz-Zeppa (Micallef), Ta Zeza (Mamo).

F'ħafna drabi l-isem fil-laqam kien jitgħawweġ hekk bid-djalett u fil-qosor li bilkemm jibqa' jintgħaraf mill-oriġinal, bħal fil-każi ta' Gaitu minn Gaetano, Giusu/ Zeppi/Peppi minn Giuseppe, Lonz minn Alonsu, Miju minn Bartolomeo, Nardu minn Leonardu, Natu minn Fortunato, Nurat minn Onorato, Pascal minn Baskal/ Pasquale, Spir minn Spiro/Spiridione, Vennera minn Venere/Venerata, Vintur minn Bonaventura, Wenz minn Lorenzo, Ze/Zeza minn Tereza, Zabbetta minn Elizabetta (Żabbetta mhux imniżżel fil-lista tal-1932, għalkemm jidhirli kien hawn nies fil-Mosta b'dan il-laqam), waqt li ismijiet oħra bħal Lesju minn Alessio, Nazju minn Annunziato/Ignazio, Turu minn Arturo, u Zaru minn Rosario ma jidhrux bħala laqmijiet. Ċertu Bellia Giovanni Ta Natu ta' Strada Reale Nru. 441, taf kien xi tifel ta' Fortunato Bellia li kien inqatel fl-1906 u hemm il-lapida tiegħu ma' dar illum Nru. 3 fi Triq Durumblat, għalkemm jeżisti wieħed Bellia Fortunato Ta Lokk li kien joqgħod f'Old Mill Street (dan Bellia 'Ta Natu' m'għandux x'jaqsam xejn ma' dak li kellu s-*supermarket* fi Triq il-Kostituzzjoni li hu demm Naxxari).

## Laqmijiet ġejjin mill-kunjom jew forsi minn xogħol l-antenat/l-individwu

Tliet laqmijiet jidher li setgħu kienu ispirati mill-kulur assoċjat mat-tali individwu. Hekk insibu: Tal Aħmar/Ta Lahmar (Camilleri/Muscat/Vella), Ta Labiad (Borg) u Ta Lisued/Lisuet (Dimech/Vella). Sitt laqmijiet oħra jidher li oriġinaw mill-kunjom li seta' kellu l-individwu jew l-antenat li taf ma kienx daqshekk komuni fir-raħal u allura mezz tajjeb biex tidentifika lil dak li jkun bħal: Ta Bonannu/Tal Bunannu (Bonanno), Ta Coleiro (Coleiro), Ta Grima (Xuereb), Ta Mallia (Magri/Mallia), Ta Pezzutu (Abela) u Ta Tanti (Tanti). Tliet laqmijiet oħra jidher li kienu ta' barranin li ġew joqogħdu r-raħal u baqgħu magħrufa bil-post minn fejn ġew bħal: Tal Carcarisa (Xuereb), Tal Ghaucia/Ta



CamScanner

Lgħauci (Muscat/Galea), Tar-Raptia/Ta Raptia/Rabtija (Frendo), u Tas-Siġġieui (Tonna).

23 laqam ieħor jidher li possibbilment kienu jirreferu għax-xogħol tal-individwu jew tal-antenat bħal: Tal Barbier (Falzon), Tal Bidui/Il Bidui (Chetcuti), Tal Cahhal (Catania), Tal Calcara (Bezzina/Sciberras), Tal Captan (Said), Ta/Tal Cmand (Chetcuti), Ta Furnara/ Tal Furnara (Calleja/Dimech), Tal Gbir (Borg), Tal Gebel (Camilleri), Tal General (Fenech), Tal Għagina/ Ta Lgħagina (Abela/Camilleri), Tal Giobon (Fenech), Tal Ilma Zgħar (Bugeja), Tal Laham (Camilleri), Ta Landier (Muscat), Ta Liscarpan/Li Scarpan (Schembri/ Galea), Tal Maġġur (Mifsud), Tal Manifcu (Balzan), Ta Michiel Tal Gir (Bezzina), Tal Ministru (Grima), Tal Mithna (Grech), Ta Pastini (Galea), Tas-Suldat (Camilleri) u Is-Surgent (Fenech).

It-tnejn bil-laqam Tal Manifcu nsibuhom joqogħdu fi Strada Sant'Antonio Nru. 39 kunjomhom Balzan u possibbilment kellhom xi antenat jew xi nannu/ bużnannu li kien nutar (l-eqreb nutara li jeżistu b'dan il-kunjom kienu Andrea u Salvatore Balzan, li kienu attivi qisu fl-ewwel nofs tas-seklu 19, bejn wieħed u ieħor meta kienet qed tinbena l-knisja). It-tnejn bil-laqam Tal Cmand insibuhom fi Strada Speranza Nri. 166 u 168 kunjomhom Chetcuti u żgur li kienu jiġu minn Ġammarì Chetcuti li kien inħatar l-ewwel Logotenent jew Kmand tar-raħal mill-Ingliżi fl-1801 u skont il-ktieb ta' E.B. Vella, kien joqgħod fi Strada Speranza Nru. 116 (kiteb fl-1930, fl-1932 b'dan l-indirizz ma kien hemm reġistrat ħadd) u li skont l-istess E.B. Vella, "mill-annu li hemm jidher fuq il-poġġaman tal-gallarija tal-ħaġar ta' din id-dar nieħdu li ġiet imtellgħa fl-1796[30]." Illum din id-dar li jingħad li kienet l-uffiċċju ta' dan Ġammarì Chetcuti ġġib in-Nru. 10, imma ma jidher l-ebda annu la fil-gallarija u wisq anqas fil-faċċata.



*Id-dar bin-Nru. 10 fil-bidu ta' Triq Speranza li jingħad li kienet tal-Kmand tar-raħal Gio Maria Chetcuti.*

**Il-kumplament tal-laqmijiet**

Il-bqija tal-258 laqam li hemm imniżżla huma:

Ta Aizu (Gauci), Ta Ajjan (Gauci), Tal Antica (Deguara);

Tal Babau (Camilleri), Ta Bagollu (Galea), Tal Bakri (Agius), Tal Ballal (Zahra), Tal Ballatrun (Schembri), Tal Ballut (Borg), Ta Bambaba (Mangion), Il Bambol/Ta Banbal (Fenech), Ta Barabania (Muscat), Tal Barcun (Bezzina), Tal Barun (Muscat), Ta Bassa (Camilleri), Ta Basuank/Tal Bazuanc (Camilleri/Bezzina), Tal Baxa (Bezzina), Ta Benigna/Belinja (Vella), Ta Berak (Sant), Ta Berina (Tonna), Tal Berk (Agius), Tal Berku (Bartolo), Ta Berkua (Xerri), Ta Berrina (Tonna), Tal Bimblu (Muscat), Tal Birch/Birk (Agius), Tal Birku (Bartolo), Ta Blaijis/Blajjes (Galea), Tal Bocci (Cassia), Tal Bonu (Agius), Tal Borgu (Bugeja), Tal Borkmi/ Borkni (Vella), Ta Boros (Chetcuti), Ta Bozzu (Buhagiar), Bubluttrun/Tal Bulutran (Schembri);

Tal Cahla (Agius/Camilleri), Tal Camra (Busuttil), Tal Cappellir (Ellul), Ta Carwell (Camilleri), Tal Casar (Sammut), Ta Ceuel (Galea), Ta Cfollok/ Cifollk (Vassallo), Ta Check (Schembri), Ta Chella (Sciberras), Ta Cianciulina (Schembri), Ta Ciappas (Said), Ta Ciaviciu/Ciavicu (Sciriha/ Xiriha), Ta Ciccu Ta Pep (Psaila), Ta Cichiniae (Camilleri), Ta Cick (Chetcuti/Schembri), Ta Cintu (Camilleri), Ta Ciomba (Vella), Il Collis (Sammut), Tal Cont (Caruana), Ta Cozzu (Borg/ Galea);

Ta Dakkak (Saliba), Ta Dandu (Micallef), Ta Deip (Aquilina), Ta Dereghi (Galea), Ta Dicax (Galea), Ta Dobbu (Bartolo), Ta Dohdoh (Galea), Tad Dudu (Muscat);

Ta Fahma (Galea), Ta Fanali (Said), Ta Fattar (Schembri), Ta Favalora (Mifsud), Ta Feġġeg (Galea), Fehjen (Muscat), Tal Fenech (Galea), Ta Fernes (Vella), Tal Filatoriu (Camilleri/ Deguara), Fised (Gauci), Tal Fiss (Borg), Ta Fiura (Muscat/Sammut), Ta Flufett (Vella), Ta Frixa (Sammut);

Tal Gabudier (Deguara), Tal Gacc (Grima), Tal Galier (Camilleri), Tal Galop/Galopp (Camilleri), Gennella (Grech), Gerrei (Galea), Tal Gezgiez (Attard);

Ta Għadma (Mifsud), Ta Għainu Seuda (Buhagiar), Tal Għarbiel (Sultana), Ta Għaroba (Galea), Tal Għarus (Chetcuti), Ta Ghaton (Gauci), Tal Ghendus (Galea), Ta Giaha (Vella), Ta Gianineh (Dimech), Tal Ginger (Gatt), Ta Giongola (Agius), Tal Giordin (Grech), Tal Giudlom (Vella), Tal Giurdin (Muscat), Tal Gzeiri (Zammit);

Tal Haisu (Fenech), Ta Hanc/Tal Hanc (Borg), Ta

Handrulla (Fenech), Ta Harroxa (Catania), Ta Hoxnin (Borg), Tal Huejec (Galea), Ta Hutu (Cuschieri);

Ta Indiriana (Catania), Tal-Isbettier (Agius), Tal Iscudett (Muscat), Issold (Magri);

Ta Jack (Grima), Ta Jahsatt (Gatt), Ta Jiekjek (Muscat);

Ta Kadli (Galea), Tal Kaki (Fenech), Ta Kaletti (Zammit), Ta Kaxx (Mifsud), Ta Keijil (Galea), Tal Keiken (Muscat), Ta Kella (Camilleri), Tal Kotlu (Muscat);

Ta Lacita (Bonnici), Ta Lagan/Lagon/Talagon (Sant), Ta Lahlah (Borg), Ta Lakxi (Azzopardi), Ta Lartia (Sammut), Ta Lass (Camilleri), Ta Lassus/Lasus (Galea), Ta Laurica (Bezzina), Ta Lavarora (Mifsud), Ta Lebirba (Sammut), Tal Lilla (Grech), Ta L'Imberrak (Camilleri), Ta Limbordin (Tonna), Ta Liscrin (Attard), Ta Listor (Muscat), Ta Lohxon (Camilleri), Ta Lokk (Bellia), Ta Lula (Galea);

Tal Maccu (Galea), Ta Machieta (Camilleri), Ta Mahmah (Vella), Ta Mahrizu (Fenech), Ta Makienta (Camilleri), Ta Malacin (Schembri), Manicu (Schembri), Tal Manun (Buhagiar), Tal Marameu (Vella/Zammit), Ta Masmais (Busuttil), Tal Matlu/Mitlu (Calleja/Fenech/Xerri), Ta Matta (Muscat), Ta Maxmach (Camileri), Tal Maxxat/Maxxiut/Maxxot/Moxxot (Sant), Ta Mazoka (Galea), Tal Meclu (Fenech), Ta Menziu/Menzu (Borg), Ta Meut (Camilleri), Ta Minca (Zammit), Tal Mingba (Chetcuti), Tal Mocc (Ciappara), Ta Morr (Galea), Ta Mosu (Camilleri), Ta Mraiza (Bezzina/Dimech), Tal Murtal (Stellini), Ta Mustacca (Abela);

Ta Nainixxu (Vella), Ta Natala (Muscat), Ta Neifa/Tan Neifa (Calleja), Ta Ngħal (Schembri), Ta Nixxef (Borg), Ta Nixxiuffi/Nixxufi (Fenech), Tan-Nors (Bezzina), Ta Nusa (Azzopardi);

Ta Pacec (Camilleri), Tal Paipai (Camilleri), Tal Paisan (Deguara), Ta Palalu (Camilleri), Tal Palaz (Vella), Ta Papisu (Stivala), Ta Partizan (Laferla), Ta Patac (Farrugia), Il Patri (Camilleri), Tal Pess (Camilleri), Ta Pesuella (Galea);

Ta Rambaba (Mangion), Ta Randa (Sciberras), Ta Randu (Muscat), Ta Rassa (Camilleri), Ta Roghei (Quattromani), Ta Ronca (Zammit);

Tas-Safra (Xerri), Ta Saica (Zammit), Ta Saitri/Tas-Saitri/Sajtri/Sgħaitri (Buhagiar/Camilleri), Tas Sakafi (Camilleri), Ta Sant'Antnin (Chetcuti), Ta Sant'Antnina (Camilleri), Ta Santu (Tonna), Ta Sapuna (Agius/Schembri), Ta Sarima (Chetcuti), Ta Scalabia/Scalambia (Fenech), Ta Seraka (Gauci), Ta Sestu (Galea), Tas-Si (Zammit), Ta Sigħaleil (Said), Ta Simbla (Felice), Ta Soldi (Abela), Ta Sonos (Borg/Mifsud), Tas-Sueida (Camilleri), Tas Sufra (Dimech), Ta Sufu (Camilleri), Tas-Summieni/Ta Summin (Sant), Ta Sumsomor (Grima);

Tat Taira (Camilleri Borg), Ta Tarawis (Mifsud), Tauru (Riolo), Ta Tausu (Attard), Tat Teumi (Muscat), Taxxing (Fenech), Tewwei (Abela), Ta Tilla (Camilleri), Ta Tillu (Gauci), Ta Torc (Galea), Ta Tott (Vella), Tat-Tromba (Falzon), Ta Trongia (Micallef), Tat-Tuajep (Camilleri), Ta Tzinna (Dimech);

Ta Uisu/Uizu (Camilleri);

Ta Vangiela (Fenech), Ta Venc (Muscat), Ta Vzent (Zammit);

Tal Wanni (Sammut), Ta Weina/Tal Weina (Galea), Ta Wizu (Camilleri);

Tax Xadbi (Zammit), Tax-Xeicu (Galea), Tax-Xep (Fenech), Ta Xeuex/Xeuuex/Xeuxex (Sant/Agius), Tax-Xilart (Saliba), Tax-Xini (Xerri), Xirch (Calleja), Ta Xommua (Vella), Tax-Xorb (Scicluna), Xoroba (Falzon);

Ta Zaberet (Sammut), Ta Zeba (Buhagiar), Ta Zee (Schembri), Ta Zellak/Zellaq (Frendo), Ta Zellec (Bugeja), Ta Zerrigħa (Galea), Ta Zi (Felice), Ta Zoccra (Catania), Ta Zokdi (Sciberras), Ta Zolok (Borg), Ta Zuba (Abela), Ta Zunzaina (Camilleri), u Ta Zurghia (Galea).

### Laqmijiet li jissemmew fiż-żmien tal-bini tal-knisja

Mil-lista ta' nies magħzulin għall-bini mill-ġdid tal-knisja datata 5 t'Awwissu 1835[31] minn dawk li niżżluhom bil-laqmijiet, insibu lil Franġisk Galea Ta Mastru Kuzzu, Pawlu u Xmun Sammut Ta l-arti, Pawlu Dimech Ta l-armla, Ġanni Grima Ta Naccju, Ġamri Chetcuti Ta Patakka (Patakka kienet munita ġejja minn żmien il-Kavallieri tiswa' 4 irbiegħi/tari ekwivalenti għal ftit aktar minn 6 soldi u nofs ta' żmien l-Ingliżi jew €0.0647 tal-lum), Ġanni Camilleri Ta Berququ, Pawlu Borg Ta Xmun, u Mikiel Vella Ta Patozz.

Minn dawn fl-1932 insibu bil-laqam Ta Cozzu wieħed Borg Ignazio u tnejn kunjomhom Galea bħal dak Franġisk, jiġifieri lil Giuseppe u Giovanni, li t-tlieta li huma kienu joqogħdu fi Strada Reale; bil-laqam Ta Lartia wkoll Sammut insibu lil Giovanni ta' Strada Torre, Salvatore ta' Via Congresso Eucaristico, u Paolo ta' Strada Molino; bil-laqam Ta Patac insibu wieħed Strada S. Giovannni, Farrugia Nazareno, imma mhux kunjomu Chetcuti, waqt li l-laqmijiet imsemmija l-oħra ma jidhrux fil-lista tal-1932.

Però meta fittixt fil-lista tal-elettorat Mosti tal-1945[32] sibt ċertu Camilleri Giuseppe late Giovanni, Ta' Berququ li kien joqgħod Strada Speranza Nru. 77. Fin-nies li ħadmu fil-bini tal-knisja tal-Imġarr, bi pjanta tal-imgħallem Mosti Gio Maria Camilleri li l-ewwel ġebla tagħha tqegħdet fit-2 ta' Ġunju 1912, mill-Kappillan mill-Mosta Dun Ġlormu Chetcuti (miet



CamScanner

fil-11 t'Awwissu 1949; fil-lista tal-1932 mhux imniżżel li kien joqgħod il-Mosta), insibu lil Ċensu Galea 'Ta Tula' mill-Mosta li bena l-ewwel ordni u l-imgħallem ta' warajh Giomaria Camilleri 's-Saqqafi' mill-Imġarr li ħażż il-pjanta tal-koppla ma' oħrajn u bena t-tieni ordni u l-koppla[33].

Mill-lista tal-1932 insibu tnejn Galea Vincenzo, wieħed Ta Dicax u ieħor bla laqam f'Via Congresso Eucaristico, li taf kien dan Ta Tula sakemm ma kienx laħaq miet, waqt li nsibu lil Camilleri Giorgio Tas Sakafi f'Orchard Street, li taf kien jiġi minn dak l-imsemmi mgħallem, u flimkien mal-Mosti Dun Edgar Salomone li nħatar kappillan wara Dun Ġlormu fl-1930 jew 1931, u kompla bil-bini, nistgħu nieħdu s-sehem importanti tal-Mostin fil-knisja tal-Imġarr – minjatura tal-knisja tal-Mosta, f'għamla ovali ftit aktar ikkumplikata, u mibnija minn ġebel maqtugħ minn Ta' Vnezja l-Mosta.

Għall-knisja tal-Bidnija li bdiet tinbena fl-1920 u ħadet madwar sentejn biex tlestiet ukoll qatgħu ġebel mill-inħawi, bil-pjanta tagħha xogħol l-imsemmi Mastru Salvu Zahra, waqt li l-bennej kien Anton Muscat mill-Mosta li bena sal-ewwel gwarniċa u warajh kompla Ġużeppi Zahra mill-Mosta wkoll, ħu dak Salvu. L-ewwel rettur ta' din il-knisja kien Dun Ġużepp Calleja Grech mill-Mosta (mill-1922-25) u warajh komplew wara xulxin l-aħwa Dun Anton (1925-31) u Dun Piet Ellul (1931-1943) li fl-1932 diġà semmejnihom kienu joqogħdu fi Triq it-Torri u Triq il-Kurat Calleja (l-aħwa Ellul) u għal darb'oħra nistgħu nieħdu s-sehem importanti tal-Mosta u l-Mostin fil-bini tal-knisja u t-tmexxija tal-Bidnija meta ta' min jinnota li sal-1950 il-Bidnija kienet għadha uffiċjalment tagħmel parti min-Naxxar,[34] għalkemm in-nies tal-lokal kienu jħossuhom Mostin u għal din ir-raġuni kienu sussegwentement talbu biex jingħaqdu mal-Mosta kif fil-fatt sar. Wieħed li kien irsista u jingħad li ġabar il-firem biex il-Bidnija ssir tagħmel mal-Mosta kien Dun Anton Buhagiar (miet fl-10 ta' Marzu 1976) li jiġi z-ziju ta' Dun Pawl Buhagiar (1918-2004, missieru Ġamri kien jiġi ħuh[35]) li mhux imniżżel mal-lista tal-elettorat Mosta tal-1932, x'aktarx għax il-Bidnija fejn kien joqgħod kienet tagħmel man-Naxxar f'dak iż-żmien.

### Laqmijiet oħra li jissemmew fis-snin ta' wara

Jekk għall-mument ninsew is-sena l-1932 li hi s-suġġett ta' dan l-artiklu u nagħtu titwila lejn ir-Reġistru Elettorali tal-1945 biex naraw insibux xi laqmijiet Mostin oħra, insibu tnejn Bonnici Giuseppe, wieħed Is-Six u l-iehor Ic-Cic ta' 74 u 26 Old Mill Street rispettivament, li fil-lista tal-1932 ma niżżluhomx bil-laqam.

Laqmijiet oħra li ma jissemmewx fl-1932 huma ta' rġiel li ma kinux imniżżla fl-elettorat ta' dak l-annu (wisq probabbli għax kienu għadhom taht il-21 sena fl-1932 aktar milli kwistjoni ta' renta li kienu jdaħħlu jew iħallsu) u fosthom insibu lil Sammut Andrew Ta' Accident ta' Bridge Street Nru. 114, lil Ellul Giuseppe Ta' Sapienz, Gatt Carmelo Ta Cakka, Gatt Giuseppe late Carmelo Ta Zubin, Gatt Giuseppe late Francesco Ta Modist (dan kien jiġi t-tifel tat-tifel Franġisk ta' Mastr'Anġ u ommu kien jisimha Modest, oħt nannti) u Schembri Salvatore Ta Sallura lkoll joqogħdu f'Constituition Street (ilkoll mingħajr numru tad-dar; dak li nannuh jiġi Mastr'Anġ kien joqgħod f'dik id-dar b'sular wieħed kantuniera ma' Triq il-Wied), lil Fenech Gio Maria fu Giovanni Tal Hobz ta' Via Congresso Eucaristico Nru. 151, lil Camilleri Giuseppe Tal-Metalla ta' Strada Speranza Nru. 37, lil Borg Francesco Ta' Bejbet, Galea Andrew Tax-Xluki, Sammut Salvatore Ta' Fjakkiz u Said Paolo Ta' Branka ta' Strada Reale Nri. 480, 199, Parish Church, u 75 rispettivament. Fl-1945 ir-raħal kien imniżżel bħala 'Il-Mosta' flok 'Musta' bħal l-1932.

### Popolarità ta' uħud mil-laqmijiet

Bl-istess laqam m'intix se ssib ħafna għexiren bħal fil-każ tal-kunjomijiet u l-ismijiet għax kieku kien hekk il-laqam kien jispiċċa jitlef mill-iskop li għalih inħoloq bħala mezz ta' identifikazzjoni tal-individwu. Madankollu Mostin b'laqmijiet ftit aktar popolari mill-oħrajn kien hawn 9 bil-laqam Tal Haisu, segwit minn Tal Birk, Tal Matlu (għalkemm taħt kunjomijiet differenti), Tal Maxxiut/Maxxot, Ta Xeuuex u Tal Calcara (6 kull wieħed), Ta Mraiza u Ta Saitri (5 kull wieħed), Ta Berrina, Ta Blajjes, Tal Captan, Ta Lartia, Ta Menziu u Ta Neifa (4 kull wieħed).

F'xi każi l-laqam taf kien aktar ta' tfixkil milli għajnuna bħal fil-każ ta' Chetcuti Michele bil-laqam Ta' Sant'Antnin u Camilleri Carmelo bil-laqam ta' Sant'Antinina, it-tnejn fi Strada Speranza, u l-istess fil-każ ta' Camilleri Antonio Ta Tilla u Gauci Giusepp Ta Tillu (taf forsi kien jiġu minn xulxin, b'verżjoni differenti tal-istess laqam). Mis-sitt irġiel li kellhom kunjomhom Catania, tlieta minnhom jew nofshom kienu jisimhom Carmelo, u jiddistingwihom kien hemm dak ta' Strada Reale magħruf bħala Tal Cahhal u l-ieħor ta' Strada Torre magħruf bħala Ta Indiriana.

Rigward kif jikkombinaw il-litteriżmu u l-laqmijiet, mill-514 Mosti li huma mniżżla li kienu jafu jaqraw u jiktbu, kienu biss 157 minnhom (30.54%) li kellhom il-laqam fejn isimhom, waqt li mill-kumplament, jiġifieri minn dawk il-635 li ma kinux jafu jaqraw u jiktbu, il-persentaġġ kien aktar għoli għax kellek 356 minnhom (56.06%) li mniżżla bil-laqam. Qisu jtik x'tifhem li l-ħaġa li jkollok laqam beda bil-mod il-mod jassoċjak mal-klassi l-baxxa tas-soċjetà, u jekk wieħed ried javvanza fis-soċjetà u jkun stmat, kien aħjar iħallih fil-ġenb u ma jsemmi xejn fuq razztu u kif kienu jafuh f'raħaltu. Fil-fatt min-nies illustri li semmejna fil-bidu,



CamScanner

għall-Markiż, it-tliet tobba, il-perit u l-25 qassis li kien hawn fil-Mosta, ħadd minnhom ma nizżlulu l-laqam fejn ismu.

Jekk nanalizzaw kull triq x'persentaġġ kellha ta' nies bil-laqam ma jidhirx li hemm xi korrelazzjoni bħal tgħid toroq fil-periferija jew fuq tali xaqliba, jew f'toroq ġodda jew li fihom kienu joqogħdu aktar nies kienu jipprevalu aktar il-laqmijiet fuq lokalitajiet oħra jew toroq qodma u b'anqas nies. Għalkemm wieħed jistenniha li triq bħal Via Congresso Eucaristico li bdiet tiġbed lejha nies ta' ċerta statura u x'aktarx nies minn barra r-raħal (bħal fil-każ tat-toroq ġodda ta' żmienna) ikollha l-anqas persentaġġ ta' 14.85% ta' nies bil-laqam, toroq oħra bħal Strada Parrochiale (triq qadima) u Strada Lorenzo Gafà (triq ġdida) ukoll kellhom persentaġġi baxxi ta' 28.57% u 30% rispettivament, waqt li toroq bħal Salvatore Dimech Street (bejn ġdida u bejn le) u St. Margaret Street/Strada S. Margherita (triq antika) kellhom fost l-għola persentaġġi ta' 80% u 78.95 rispettivament. It-toroq ewlenin bħal Strada Reale, Strada Torre, Strada Speranza, Strada Sant'Antonio u Bridge Steet kellhom persentaġġi ta' 42.4%, 47.52%, 51.28%, 53.16% u 59.72% rispettivament ta' rġiel imniżżla bil-laqam.

## Elettorat Mosti li seta' jivvota għas-Senat

Għall-elezzjoni tas-Senat il-Mosta kienet tagħmel parti mit-2 distrett (Mdina, Attard, Axiak, Balzan, Birchircara, Birzebbugia, Calcara, Chircop, Curmi, Dingli, Gargur, Gudia, Krendi, Lia, Luca, Marsascala, Marsascirocco, Melleha, Mgiar, Mkabba, Musta, Naxxar, Paula, Rabat, Safi, St. Paul's Bay, Siġġieui, Tarxien, Zabbar, Zebbug, Zeitun, Zurriek, Gozo), u minn dawk l-1,149 Mosti li setgħu jivvotaw għall-Assemblea Leġislattiva, kien hemm 114 minnhom li kellhom renta akbar li kienet tikkwalifikahom biex jivvutaw ukoll għas-Senat.

F'din il-lista tas-Senat hemm tnejn li forsi frott ta' xi żball mhux imniżżla fil-lista ta' dawk li setgħu jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva u li huma Schembri Joseph di Carmelo ta' Via Congresso Eucaristico Nru. 89 u Zammit Paolo, Tas-Si ta' Strada Torre Nru. 29. Ċertu Muscat Giuseppe, Tat-Teumi ta Strada Reale Nru. 106 hu mniżżel li kellu vot plurali biex jivvota għall-Assemblea Leġislattiva fuq distretti oħra imma wkoll mhux imniżżel fil-lista tal-elettorat Mosti li seta' jivvota għal din l-Assemblea u għalhekk ma' dawk l-1,146 li uffiċjalment hemm imniżżla f'dik il-lista (tal-Ass. Leġislattiva), kelli nżid lil dawn it-tlieta biex b'kollox ġew 1,149, iċ-ċifra li kkwotajt mill-bidu, ta' dawk li setgħu jivvutaw għal din l-Assemblea.

Biex inkomplu fuq l-elezzjoni tas-Senat, dawk il-114-il Mosti li setgħu jivvutaw għalih kienu biss 9.92% minn dawk l-1,149 Mosti li setgħu jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva. It-triq bl-akbar persentaġġ kienet Via Congresso Eucaristico fejn kellek 30.39% tar-residenti tagħha li setgħu jivvutaw għas-Senat, segwita minn Strada Lorenzo Gafà (20%), Strada Matteo Callus (14.29%) u Strada Torre (12.75%), u l-fatt li minn dawn, l-ewwel tliet toroq bl-għola persentaġġ inzertaw kienu pjuttost ġodda, ittik x'tifhem li kien hemm bħal tendenza li dawk li kellhom renta tajba bħal kienu qed jagħmlu kapriċċi jibnu jew jixtru dar ġdida f'partijiet fejn il-Mosta kienet qed tikber.

## Mostin b'vot plurali

Dawk il-Mostin li kellhom propjetà f'distretti oħra kellhom il-fakultà li jivvutaw f'dak it-tali distrett ukoll, bis-saħħa ta' l'hekk imsejjaħ vot plurali. Għall-elezzjoni tas-Senat, dawk li kellhom vot doppju għax kellhom propjetà fuq l-ewwel distrett (Valleta & Marina, Cospicua, Senglea, Vittoriosa, Floriana, Sliema & Gzira, St. Julian's, Pieta, Misida, Hamrun & Santa Vennera, Marsa) kienu biss 4, wieħed minn Via Congresso Eucaristico, 2 minn Strada Reale u wieħed minn Strada Torre, u minnhom 2 kienu qassisin.

Għall-elezzjoni tal-Assemblea Leġislattiva kienu biss 18 li kellhom vot plurali għax kellhom propjetà f'wieħed mis-7 distretti l-oħra, li minnhom 6 kienu qassisin, jiġifieri 4 fl-ewwel distrett (Valletta [East] including Strada Forni), 2 fit-tieni distrett (Valletta [West], Sliema & Gzira, St. Julian's, Misida), 10 fit-tielet distrett (Floriana, Marsa, Hamrun & Santa Vennera, Curmi, Zebbug, Pieta), 5 fir-raba' distrett (Cospicua, Vittoriosa, Zabbar, Calcara, Marsascala), 2 fil-ħames distrett (Senglea, Paola, Tarxien, Luca, Gudia, Axiak, Zeitun, Marsascirocco, Birzebbugia & San Giorgio a Mare), 4 fis-seba' distrett (Mdina, Rabat, Dingli, Siġġieui, Krendi, Mkabba, Zurriek, Safi, Chircop) u 2 fit-tmien distrett (Gozo & Comino).

Kif wieħed jista' jinnota, għal xi raġuni, b'vot plurali fit-tielet distrett kien hemm pjuttost aktar minn kwalunkwe distrett ieħor. Għalkemm fil-maġġor parti dawn taf kienu Mostin li kellhom propjetà band'oħra, jista' jkun ukoll indikazzjoni ta' minn fejn oriġinaw xi nies barranin li ġew joqogħdu l-Mosta (eżempju jekk wieħed kellu propjetà fit-tielet distrett, taf kien Żebbuġi li ġie joqgħod il-Mosta).

L-aktar li kellu propjetà f'distretti oħra kien ċertu Salvatore Caruana Dingli ta' Strada Reale Nru. 160, li kellu propjetà f'6 distretti (1, 2, 3, 4, 8 u fis-6 distrett fejn kien joqgħod il-Mosta) u allura tiġi li kellu 6 voti għall-elezzjoni tal-Assemblea Leġislattiva u 2 voti oħra għal tas-Senat (għax insibuh li kellu vot plurali għas-Senat ukoll). Warajh kien jiġi ċertu Joseph Schembri di Carmelo ta' Via Congresso Eucaristico Nru. 89 li kellu propjetà f'5 distretti (3, 4, 7, 8 u fis-6 distrett fejn kien joqgħod il-Mosta).

L-oħrajn kienu xi ftit aktar modesti u kellhom propjetà fi tlieta jew żewġ distretti biss. Dan l-imsemmi



CamScanner

Salvatore Caruana Dingli (1892-1983) kien joqgħod pass 'il bogħod mill-Markiż Salvatore Mallia Tabone (wieħed f'Nru. 160, u l-Markiż f'Nru. 161 Strada Reale) u kien jiġi kuġinuh (ommu Eleonora u missier il-Markiż Salvu, Saverio kienu aħwa[36]) u meta mietu l-membri kollha tal-familja Mallia Tabone, dan Caruana Dingli ħa t-titlu tagħhom bħala t-8 Markiż tal-Fiddien. Il-Markiż Salvatore Mallia Tabone, apparti l-Mosta, kellu propjetà fit-3 u l-5 distrett u ħuh Dun Ġwann kellu propjetà fir-4 distrett.

Rigward l-imsemmi Joseph Schembri di Carmelo wieħed jassumi li wkoll kien xi ras kbira u wisq probabbli kien ċertu Surmast[37] li jiġi missier il-Prim Imħallef Carmelo Schembri li twieled il-Mosta fit-2 ta' Settembru 1922 (miet fit-8 t'Ottubru, 1997) u kellu missieru jismu Giuseppe (bħal dan Joseph) u x'aktarx semmewh għal nannuh (dan Joseph mniżżel bħala 'di Carmelo') u jiġu xi ħaġa minn dawk Cauchi tal-pjazza.

## Referenzi


1 Il-Mosta: April-Awissu 2005, p. 7, Il-ventartal tal-fidda tal-artal maġġur jagħlaq mitt sena, Joseph Borg;
2 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2003, p. 19, L-iskultur u s-sena ta' meta saret l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, Issa nafuhom, Joseph Borg;
3 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2003, p.4, X'inbidel fil-Knisja Arċipretali tagħna matul is-snin, Joseph Borg;
4 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, Elezzjonijiet Ġenerali, p. 553;
5 L-Elezzjonijiet f'Malta, 1849-1992, Michael J. Schiavone, pp. 517, 520, 523 u 531;
6 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, Elezzjonijiet Ġenerali 1932, p.559;
7 It-Toroq tal-Mosta, Ismijiet u Tagħrif dwarhom, Joseph Borg u John A. Sant, p. 127;
8 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, p. 292;
9 Il-Miklem Malti: Is-sengħa tal-bini, http://www.ilmiklem.com/is-sengha-tal-bini/
10 L-Imtieħen tat-tħin tal-qamħ fil-gżejjer Maltin, Clifford Vella, Ġunju 2011, pp. 17, 71-77;
11 Il-Mosta: Lulju-Awissu 1990;
12 Il-Mosta: Novembru-Diċembru 1990, Suppliment li jitkellem dwar l-Oratorju;
13 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2001, p. 22, 166 isem ta' saċerdoti mniżżlin fir-Reġistri tal-mejtin tal-Parroċċa tal-Mosta;
14 Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda tagħhom matul iż-żminijiet, George Cassar u Joseph G.M. Borg, p. 198;
15 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, p. 91;
16 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 2001, p. 22, 166 isem ta' saċerdoti mniżżlin fir-Reġistri tal-mejtin tal-Parroċċa tal-Mosta;
17 Ibid.
18 Ibid.
19 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Żieda VI, Ed. 1986, p. 268;
20 Ibid.
21 Ibid.
22 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Żieda VIII, Ed. 1986, pp. 282-283;
23 Il-Mosta: April-Awissu 2004, p. 12, F'għeluq il-25 sena minn mewtu: Dun Ġwann Debono;
24 Il-Mosta: Mejju-Ġunju 1984, p. 5, Il-Mostin isellmu lil Dun Anġ Dingli;
25 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 1999, p. 19, Il-Kanonku Dun Pawl Calleja;
26 Il-Mosta: Settembru-Diċembru 1998, p. 17, Donazzjonijiet sbieħ u storiċi;
27 Il-kappella tad-Duluri fi Triq it-Torri: Il-Mosta: Jannar-Marzu 1995, p. 6;
28 Il-Mosta fi żmien il-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann, Michael A. Sant, pp. 23-25;
29 Ibid., pp. 21-22;
30 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, p.119;
31 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Ed. 1986, pp. 125-126;
32 Reġistru Elettorali 1945 għall-elezzjoni tal-Membri tal-Kunsill tal-Gvern, Malta Government Gazette Supplement No. XXV, 29th May 1945;
33 Sit tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Santa Marija – Knisja Parrokjali, https://mgarrlc.com/sites/church/
34 Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha, E. B. Vella u oħrajn, Żieda XI, pp. 446-449;
35 Il-Mosta: Jannar-Marzu 2005, p. 8, Dun Pawl Buhagiar;
36 Mallia family, https://www.maltagenealogy.com/mallia
37 It-Toroq tal-Mosta, Ismijiet u tagħrif dwarhom, pp. 129, 130.





**Zikkin Garage**

**Upholsterer**

Also fixing all type of wind screens

CLAUDIO SANT

192, Hope Street, Mosta • Tel: (+356) 2141 9256 • Mob: (+356) 7941 9256

Email: zikkin06@hotmail.com




CamScanner



# Lista tal-Mostin li setgħu jivvutaw għall-Asssemblea Leġislattiva u għas-Senat fl-1932

Minn Nicholas GRECH

*(ikompli ma' 'Il-Mostin tal-1932')*

**Xi marki li niżżilt ma' ċerti individwi:**

* Persuni mniżżla li setgħu jivvutaw ukoll għas-Senat;

** Persuni mniżżla li setgħu jivvutaw ukoll għas-Senat imma l-kwalifikazzjonijiet ma jaqblux (eż. għall-Ass. Leġislattiva mniżżel li kien iħallas renta, waqt li għas-Senat mniżżel li kien jirċievi renta, jew viċi-versa);

*** Persuni mniżżla li setgġu jivvutaw għas-Senat imma għal xi raġuni ma kinux mniżżla fil-lista ta' dawk li setgħu jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva;

**** Timmarka l-persuna waħda li kellha Vot Plurali għall-Assemblea Leġislattiva imma għal xi raġuni ma kienx imniżżel fil-lista ta' dawk li setgħu jivvutaw għall-Assemblea Leġislattiva fil-Mosta.

***Nota***: Uħud ma kinux imniżżla bil-laqam fil-lista tal-1932 imma sibthom bih fil-lista tal-1945, u f'dan il-każ niżżilt dan il-laqam fil-parentesi.

***LISTS of persons entitled to vote for the election of Members of the Legislative Assembly***[1]
***Qualifications - Qualifica****: (a) Is able to read and write - Sa leggere e scrivere,*
*(b) Pays rent - Paga Fitto, (c) Receives Income - Riceve Rendita*

***Sixth Electoral Division*** *(Birchircara, Balzan, Lia, Attard, Gargur, Naxxar, Musta, Mgiar, St Paul's Bay, Melleha)*

**Musta**

| ***Bridge Street*** | |
|---|---|
| Abela Paolo, Ta Pezzutu (b) | 124 |
| Agius Carmelo, Ta Sapuna (b, c) | 82 |
| Agius Giuseppe, Tal Cahla (a, b) | 22 |
| Bartolo Giuseppe, Ta Spir (a, b) | 109 |
| Bezzina Antonio, Tal Baxa (c) | 115 |
| Bezzina Francesco* (a, c) | 115 |
| Bezzina Giovanni, Ta Mraiza (b, c) | 29 |
| Bezzina Vincenzo, Tal Bazuanc (b, c) | 64 |
| Bonnici Carmelo, Ta Lacita (b, c) | 46 |
| Borg Edgar (a) | 157 |
| Borg Francesco, Ta Hanc (c) | 32 |
| Bugeja Carmelo (c) | 112 |
| Bugeja Joseph* (a, c) | 135 |
| Buhagiar Giuseppe, Ta Zeba (b) | 100 |
| Buhagiar Paolo, Ta Sajtri (b, c) | 130 |
| Busuttil Giuseppe (b) | 18 |
| Calleja Giuseppe, Tal Mitlu (b) | 49 |
| Camilleri Gio. Maria (a) | 138 |
| Camilleri Salvatore (b) | 30 |
| Camilleri Vincenzo, Ta Pacec* (a, c) | 127 |
| Dimech Antonio (c) | 166 |
| Dimech Giuseppe, Tal Furnara (b) | 133 |
| Dimech Pacifico (a, c) | 166 |
| Falzon David (a, b) | 164 |
| Falzon Michelangelo, Tal Barbier (c) | 164 |
| Felice Michele, Ta Simbla (b) | 123 |
| Felice Salvatore, Ta Simbla (b) | 120 |
| Fenech Luigi (b) | 137 |
| Fenech Salvatore (c) | 67 |
| Fenech Vittorio, Ta Nixxufi (b) | 102 |
| Galea Angelo, Ta Sestu (c) | 40 |
| Galea Giovanni, Tal Ghendus (a, b) | 141 |
| Galea Gio. Maria (b) | 54 |
| Galea Gregorio, Ta Lassus (b) | 86 |
| Galea Lorenzo, Tal Blaies (b) | 51 |
| Galea Michele, Tax-Xeicu (b) | 50 |
| Galea Salvatore, Ta Lula (a) | 34 |
| Gauci Michele, Fised (c) | 101 |
| Grech Michele, Tal Giordin (c) | 96 |
| Grima Gio. Maria, Ta Jack (b) | 131 |
| Grima Paolo, Tal Ministru (b) | 5 |
| Mallia Nazareno (a, b) | 38 |
| Mercieca Anthony* (a, c) | 135 |
| Mifsud Francesco fu Antonio (b) | 17 |
| Mifsud Francesco fu Giuseppe, Ta Kaxx (a, b, c) | 14 |
| Muscat Angelo (c) | 11 |
| Muscat Gio. Maria (a) | 11 |
| Sant Antonio (a, c) | 118 |
| Sant Carmelo, Ta Xeuuex (b) | 145 |
| Schembri Angelo (a, c) | 158 |
| Schembri Carmelo (b) | 44 |
| Schembri Francesco, Tal Bulutran (b, c) | 44 |
| Schembri Giuseppe (a) | 34 |



CamScanner

| | |
|---|---|
| Schembri Simeone, Ta Liscarpan (c) | 138 |
| Sciberras Angelo, Ta Chella* (a, c) | 147 |
| Sciberras Salvatore, Ta Chella* (a, c) | 147 |
| Tanti Nazareno (b) | 141 |
| Tanti Pietro, Ta Tanti (a, b) | 130 |
| Tonna Emmanuele, Ta Berrina (a, c) | 27 |
| Tonna Francesco (b) | 119 |
| Tonna Giuseppe, Ta Berrina (a, b, c) | 27 |
| Vassallo Giuseppe, Ta Cifollk (b) | 121 |
| Vella Giovanni, Ta Xommua (b) | 87 |
| Vella Gio. Maria, Ta Gian Paul (b) | 134 |
| Vella Giuseppe di Marcello, Ta Marcell (a, b) | 143 |
| Vella Giuseppe fu Michele (c) | 36 |
| Vella Marcello (b, c) | 143 |
| Vella Pacifico (a) | 159 |
| Xuereb Angelo, Ta Grima (a, b) | 100 |
| Xuereb Emmanuele (a) | 100 |
| Xuereb Vincenzo, Ta Grima (b) | 99 |
| Zammit Giuseppe (a, c) | 47 |
| ***Piazza Britannica*** | |
| Bugeja Antonio (b) | 29 |
| Bugeja Gio. Maria (a, c) | 2 |
| Fenech Paolo (b) | 15 |
| ***Strada Britannica*** | |
| Abela Carmelo (b) | 10 |
| Abela Giuseppe, Ta Mustaccia (b) | 10 |
| Borg Giuseppe, Ta Menziu (b) | 4 |
| Bugeja Calcedonio, Tal Ilma Zghar (b) | 33 |
| Bugeja Carmelo, Ta Zelleg (b) | 32 |
| Bugeja Francesco (b) | 32 |
| Camilleri Giuseppe, Tal Ahmar (b) | 7 |
| Chetcuti Gio. Maria (a) | 23 |
| Chetcuti Salvatore (b) | 12 |
| Dimech Vincenzo, Ta Mraiza (b) | 5 |
| Galea Giuseppe (b, c) | 31 |
| Galea Paolo, Ta Giusep tal Mancia (b) | 30 |
| Sciriha Francesco, Ta Marcell (b) | 18 |
| Vella Giuseppe (b) | 15 |
| Zammit Carmelo (a) | 25 |
| Zammit Francesco (a) | 25 |
| ***Strada Britannica, Alley No. 1*** | |
| Chetcuti Salvatore (a) | 8 |
| Sciberras Spiridione (b) | 8 |
| Contrada ta Caspru (1) | |
| Micallef Michele, Ta Trongia (b) | - |
| ***Strada Ceilu Tonna (9)*** | |
| Agius Andrea, Tal Berk (b) | 11 |
| Catania Paolo, Ta Harroxa (b) | 5 |
| Dimech Giovanni, Ta Mraiza (b) | 14 |
| Fenech Carmelo, Tal Giobon (b) | 11 |
| Fenech Giuseppe, Tal Giobon (b) | 8 |
| Grech Salvatore (c) | 6 |
| Grima Giovanni (a) | 14 |
| Said Calcedonio (b) | 7 |
| Sammut Giuseppe (b) | 10 |
| ***Via Congresso Eucaristico*** | |
| Agius Joseph (a, b) | 3 |
| Azzopardi Francesco (b) | 32 |
| Borg Carmelo** (a, c, III c) | 113 |

| | |
|---|---|
| Buhagiar Giuseppe, Ta Wenz (a, b, c) | 116 |
| Busuttil Antonio, M.D.** (a, b) | 52 |
| Calleja Carmelo (a) | 146 |
| Calleja Ferdinando (a) | 146 |
| Calleja Giuseppe (a) | 40 |
| Calleja Lorenzo* (a, c) | 146 |
| Calleja Pietro** (a) | 143 |
| Calleja Vincenzo* (a, b, c) | 66 |
| Camilleri Carmelo* (a, b) | 28 |
| Camilleri Damiano (a, c) | 140 |
| Camilleri Giovanni (a, b, c) | 58 |
| Camilleri Gio. Maria (c) | 141 |
| Camilleri Gregorio, Ta Kella (c) | 58 |
| Camilleri Joseph, Rev. (a, b, c) | 26b |
| Camilleri Peter* (a, b, c) | 26b |
| Camilleri Borg Gio. Maria (a, b, c) | 35 |
| Camilleri Chetcuti Carmelo, Rev.* (a, c) | 141 |
| Caruana Paul* (a, c) | 7 |
| Cassar Carmelo* (a, b, c) | 125 |
| Deguara Paolo, Tal Antica (b) | 102 |
| De Piro Joseph Emanuel* (a, b) | 173 |
| Dimech Carmelo* (a, b, c) | 80 |
| Dimech Giuseppe (c) | 82 |
| Dimech Paolo* (a, c) | 90 |
| Dimech Pasquale (a) | 124 |
| Dingli Angelo* (a, c) | 144 |
| Dingli Joseph M.* (a, c) | 26 |
| Falzon Angelo, Sac. (a, c) | 99 |
| Falzon Salvatore (a) | 99 |
| Fenech Angelo* (a, c) | 127 |
| Fenech Emmanuele (a, b) | 127 |
| Fenech Francesco di Giuseppe* (a, c) | 88 |
| Fenech Gio. Maria fu Giovanni (c) | 151 |
| Fenech Gio. Maria di John** (a, b) | 153 |
| Fenech Giuseppe di Giovanni (a, b) | 6 |
| Fenech Giuseppe di Gio. Maria (a, b) | 153 |
| Galea Emmanuele, Gerrei (a) | 29 |
| Galea Francesco, Gerrei (a) | 29 |
| Galea Giuseppe (a, b) | 29 |
| Galea Michele, Ta Dereghi (b) | 120 |
| Galea Paolo (a) | 59 |
| Galea Vincenzo (a, b) | 36 |
| Gauci Carmelo, Ta Ventur (c) | 151 |
| Grech Angelo* (a, c) | 70 |
| Grech Edward (a, b) | 4 |
| Grech Felix (a) | 70 |
| Grech Gio. Maria (a, c) | 70 |
| Grech Giuseppe, Sac.* (a, c) | 117 |
| Grech Leone** (a, b) | 46 |
| Magro Vincenzo (c) | 8 |
| Mangion Pacifico ( a, b) | 148 |
| Micallef Alfred (a) | 80 |
| Micallef Gio. Batta (c) | 105 |
| Micallef Joseph* (c) | 105 |
| Mifsud Benedetto, Ta Kaxx (b) | 10 |
| Mifsud Carmelo, Tal Maggur (a) | 84 |
| Mifsud Emmanuele (b) | 26a |
| Mifsud John (a, b) | 77 |
| Mifsud Salvatore (a, c) | 136 |



CamScanner

| | |
|---|---|
| Mifsud Ellul Annetto, A. & C.E.* (a, c, III c) | 87 |
| Mizzi Rosario, B.A., M.D.* (a, b, c) | 112 |
| Muscat Giovanni, Ta Barabania (a) | 79 |
| Muscat Giuseppe fu Saverio, Ta Fiura (a, b) | 74 |
| Muscat Joseph di Gio. Maria, Ta Barabania (c) | 79 |
| Muscat Nicola (a, b) | 23 |
| Riolo Carmelo (a, c) | 121 |
| Riolo Emmanuele, Tauru (a) | 121 |
| Riolo Spiridione (a, c) | 121 |
| Riolo Vincent (a, c) | 121 |
| Salomone Paul (a, c) | 111 |
| Sammut Carmelo (c) | 34 |
| Sammut Edoardo (a) | 37 |
| Sammut Francesco (b) | 41 |
| Sammut Giuseppe (b, c) | 37 |
| Sammut Nicola (a, c) | 139 |
| Sammut Paul (a) | 37 |
| Sammut Salvatore di Francesco, Ta Lartia (a, b, c) | 41 |
| Sammut Salvatore di Giuseppe (a) | 37 |
| Schembri Carmelo (a, b) | 48 |
| Schembri Felice (a) | 76 |
| Schembri Joseph di Carmelo*** (a, c, III, IV, VII & VIII c) | 89 |
| Schembri Giuseppe (a, b) | 45 |
| Scicluna Andrea* (a, c, II & VII c) | 128 |
| Scicluna Onorato (Tax-Xorb) (a) | 128 |
| Vella Benjamin (a) | 75 |
| Vella Clemente (b) | 67 |
| Vella Gio. Maria* (a, c) | 62 |
| Vella Giuseppe (b, c) | 2 |
| Vella Isaac (a) | 22 |
| Vella Joseph, Rev.* (a, c) | 71 |
| Vella Luca* (a, c) | 138 |
| Vella Michele, Ta Tott (b, c) | 94 |
| Zahra Francesco (a) | 95 |
| Zahra Peter P. (a) | 95 |
| Zahra Salvatore** (a, c) | 95 |
| Zerafa Giorgio (a, c) | 15 |
| Zerafa Giuseppe (a) | 51 |
| Zerafa Michele* (a, c, III c) | 51 |
| Zerafa Salvatore (a, c) | 15 |
| ***Curate Bezzina Street*** | |
| Abela Nicola (b) | 34 |
| Agius Paolo, Ta Birk (b) | 26 |
| Attard Paolo (a, b) | 31 |
| Calleja Giuseppe (b) | 33 |
| Ellul Giuseppe, Tal Cappellir* (a, c) | 29 |
| Saliba Enrico (b, c) | 22 |
| Saliba Saverio, Tax-Xilart (b) | 18 |
| Sammut Luigi (a, b) | 12 |
| Sant Antonio, Ta Xeuxex (b) | 32 |
| Sant Nicola, Tal Maxxot (b) | 25 |
| Sant Paolo, Tal Maxxot (a) | 25 |
| Sultana Carmelo, Tal Gharbiel (a) | 4 |
| Vella Vincenzo, Ta Benigna (b, c) | 4 |
| ***Curate Bezzina Street, Alley No. 2*** | |
| Ciappara Giuseppe (b) | 3 |
| Frendo Francesco (b) | 11 |
| Frendo Giuseppe (b) | 8 |
| Galea Gregorio, Tal Weina (b) | 5 |

| | |
|---|---|
| Muscat Vincenzo, Tad Dudu (a, b) | 6 |
| Zammit Paolo, Ta Minca (b) | 14 |
| Zammit Salvatore, Tax Xadbi (b) | 7 |
| ***Curate Calleja Street*** | |
| Abela Salvatore, Ta Mustacca (a) | 21 |
| Azzopardi Carmelo (c) | 46 |
| Azzopardi Paul (b, c) | 16 |
| Borg Antonio (a, b) | 41 |
| Borg Giovanni (a) | 39 |
| Borg Gio. Nicola (a) | 48 |
| Borg Grazio (b, c) | 37 |
| Borg Gregorio, Rev. (a, c) | 48 |
| Borg Nazareno (a,c) | 48 |
| Camilleri Carmelo di Lazzaro, Tal Gebel (b) | 9 |
| Camilleri Carmelo fu Paolo, Tat-Tuajep (b) | 39 |
| Camilleri Giuseppe, Tas-Saitri (a, b) | 40 |
| Camilleri Salvatore, Tal Galopp (b, c) | 53 |
| Coleiro Giuseppe, Ta Coleiro (a) | 42 |
| Dimech Tommaso (a, c) | 47 |
| Ellul Antonio, Sac.* (a, c III c) | 28 |
| Ellul Pietro, Sac. (a, c III c) | 28 |
| Galea Giuseppe (b) | 19 |
| Gauci Angelo, Ta Seraka (b, c) | 31 |
| Grech Giovanni, Tal Mithna (b) | 23 |
| Sammut Giuseppe (a) | 21 |
| Sammut Salvatore (c) | 21 |
| Sammut Saverio, Tal Casar (b) | 15 |
| Schembri Paolo, Ta Cick (b) | 33 |
| Vella Giuseppe (c) | 18 |
| Xuereb Giuseppe, Tal Carcarisa (a, b) | 25 |
| ***Don Michele Xerri Street*** | |
| Borg Salvatore, Tal Ballut (b) | 2 |
| Buhagiar Gio. Maria (b, c) | 20 |
| Chetcuti Francesco (b) | 25 |
| Galea Paolo (b, c) | 23 |
| Grech Paolo (b) | 8 |
| Micallef Pietro, Ta Dandu (b) | 22 |
| Tonna Santo (b) | 6 |
| Vella Gio. Maria, Ta Ciomba (b) | 2 |
| Xerri Francesco, Tas-Safra (b) | 19 |
| ***Strada Girolamo Cassar*** | |
| Bartolo Gaetano, Ta Gaitu (a, b) | 18 |
| Bartolo Giovanni, Ta Dobbu (a, b, c) | 18 |
| Calleja John (a) | 17 |
| Calleja Luigi, Ta Furnara (c) | 17 |
| Calleja Paolo, Xirch (a) | 17 |
| Camilleri Luigi, Ta Wizu (b, c) | 22 |
| Chetcuti Giovanni, Tal Mingba (b) | 20 |
| Grech Michel'Angelo** (a, b) | 19 |
| Micallef Paolo Antonio (a, b) | 23 |
| Micallef Salvatore (a, c) | 14 |
| Strada Grognet | |
| Agius Giovanni (a) | 25 |
| Borg Carmelo, Tal Pascal Ta Menziu (b) | 28 |
| Borg Giuseppe (a) | 28 |
| Calleja Vittorio (a, b) | 17 |
| Coleiro Carmelo (a, b) | 5 |
| Muscat Epifanio, Tal Keiken (b) | 25 |
| Muscat Matteo (b) | 3 |



CamScanner

| | |
|---|---|
| Sant Angelo (a) | 35 |
| Sant Carmelo, Ta Lagon (a) | 31 |
| Sant Francesco (a) | 35 |
| Sant Giuseppe, Tas-Summieni (a) | 20 |
| Sant Salvatore, Talagon (c) | 31 |
| Stivala Giuseppe, Ta Papisu (a, b, c) | 37 |
| Tonna Giovanni (c) | 39 |
| Vella Paolo (a, b) | 32 |
| ***Contrada tal Isperanza*** | |
| Galea Alessandro, Ta Blajjes (b, c) | - |
| Strada Lorenzo Gafa | |
| Attard Carmelo, Ta Liscrin (a, c) | 35 |
| Bartolo Carmelo, Ta Vennura (a) | 64 |
| Busuttil Antonio, Tal Camra (c) | 26 |
| Calleja Annunziato* (c) | 13 |
| Calleja Carmelo* (a, c) | 13 |
| Calleja Pacifico* (c) | 13 |
| Calleja Salvatore* (a, c) | 42 |
| Camilleri Francesco, Tal Filatoriu (c) | 50 |
| Cassia Carmelo (a, b) | 41 |
| Cassia Giuseppe, Tal Bocci (c) | 57 |
| Deguara Salvatore (c) | 52 |
| Ebejer Andrea (b) | 54 |
| Ebejer Emmanuele (a) | 54 |
| Ebejer Giuliano (a) | 54 |
| Farrugia Luigi (b) | 43 |
| Fenech Gio. Maria, Tal Haisu (a, b, c) | 3 |
| Frendo Giovanni (a, b) | 1 |
| Galea Carmelo (Tat-Tork) (b, c) | 15 |
| Galea Giuseppe, Tal Huejec (b, c) | 12 |
| Mallia Constantino (a, c) | 58 |
| Mallia Giuseppe* (a, c) | 58 |
| Mallia Pacifico (a) | 58 |
| Muscat Gio. Maria fu Calcedonio, Ta Natala* (a, c) | 28 |
| Muscat Gio. Maria fu Pietro, Ta Jiekjek (a, c) | - |
| Muscat Matteo (b) | 19 |
| Vella Giuseppe (b) | 10 |
| Xiberras Giuseppe (a, b) | 20 |
| Xiberras Luigi (a, b) | 55 |
